IT-TIELET KTIEB
TAT-TLIETA U
ERBGĦIN SENA

SETTEMBRU

1967



# IL-MALTI

QARI

LI TOĦROĠ

L-AKKADEMJA TAL-MALTI

(GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI)

KULL TLIET XHUR

ROYAL UNIVERSITY OF MALTA ★ MAIN LIBRARY ★

## KITBA U KITTIEBA F'DAN IL-GĦADD

EDITUR — Il-Moderniżmu fl-Arti ... ... ... ... faċċ. 65
Il-Kunsill għas-Snin 1967-68 ... ... ... ... ... ,, 66
A. CREMONA, D.Litt. — Minn Betlehem għall-Kalvarju ... ,, 67
PAWLU CACHIA — *Mewt u Ħajja* ... ... ... ... ... ,, 71
V.M. PELLEGRINI, LL.D. —
Ballett u Poeżija fil-Konċett Spanjol ... ... ... ,, 72
ERIN SERRACINO-INGLOTT — *Jahveh!* ... ... ... ,, 74
JOHN C. FRIGGIERI — Superstizzjonijiet ... ... ... ,, 75
CHARLES COLEIRO — *Cinerama* ... ... ... ... ,, 78
P. FELIĊ SAMMUT, O.F.M. Conv. — *F'Lejl Sajfi* ... ... ,, 79
ROB. MIFSUD BONNICI — La Divina Commedia ... ... ,, 80
VAL. V. BARBARA, O.P. — *Ħbiberija* ... ... ... ,, 84
REV. A. TABONE, J.C. & Th. — Dr. Vervoerd ... ... ,, 85
OLIVER FRIGGIERI — *Dubji* ... ... ... ... ... ,, 87
A.C. — Ismijiet ta' Dwieli u Għeneb ... ... ... ... ,, 88
JOE MEJLAK — *Qiegħed Jidlam* ... ... ... ... ,, 89
ALBERT M. CASSOLA, F.I.L., O.S.J. — *Zoo* ... ... ,, 90
EDITUR — Nifirħu ... ... ... ... ... ... ... ,, 91
PAWLU MIFSUD — Li kieku kont Warda ... ... ... ,, 92
Reċensjonijiet ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 93

**DIRETTUR: Prof. Dr. Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H., F.R.S.H.,**
**34/14, Triq id-Dejqa, Valletta.**

**ASSISTENT DIRETTUR: A. Cremona, Hon. D.Lit.,**
**53, Triq Wara Sant'Ubaldeska, Paola.**

**SEGRETARJU ONORARJU: Godfrey Zarb Adami,**
**18, St. Christopher Street — Valletta.**

*Kull korrispondenza għandha tinbagħat lis-Segretarju Onorarju.*
*All communications should be addressed to the Hon. Secretary.*
*Ogni corrispondenza da spedirsi al Segretario Onorario.*
*Toute correspondance doit être envoyée au Secrétaire Honoraire.*

---

*Ħlas ta' IL-MALTI: 4/- fis-sena. Ktieb wieħed: 1/-.*
*Il-ħlas tar-Rivista jinbagħat lil:*
*Victor Apap, 22, Triq it-Torri, Tas-Sliema.*

**I L - M A L T I**

QARI LI TOĦROĠ — SETTEMBRU

**L-AKKADEMJA TAL-MALTI** — **1967**

# IL-MODERNIŻMU FL-ARTI

*Daż-żmien hu l-epoka taż-żgħażagħ. Dawn issibhom kullimkien, jieħdu sehem f'kull xejra tal-ħajja tal-lum, jindaħlu fost il-kbar, isemmgħu leħinhom u ħafna drabi joħorġu b'fehmiet jew iwettqu għamil li jidhru strambi jew kuntrarji għal kulma kien isir jew jingħoġob qabel.*

*Din ix-xejra għat-taqlib hi marbuta mal-ħeġġa u l-ħrara taż-żgħożija, meta l-bniedem ikollu moħħu mimli bi ħsibijiet u proġetti, meta jħoss qalbu tħeġġeġ bin-nar tal-ħajja, meta jkun għadu sajjem mit-tiġrib tal-ħajja u mit-tweġħir u mill-qerq tal-ħżiena. Allura hu jidhirlu li jista' jirranġa d-dinja jew għallanqas jista' jfassal jew iqanqal xi sura jew xi ċaqliqa ġdida, u b'hekk jagħti xejra ġdida lill-ħajja u fl-istess ħin juri ruħu, isamma' leħnu u jingħażel mill-kotra.*

*Minn din il-ħrara tal-bniedem biex jingħażel mill-oħrajn, jitnissel il-moderniżmu, jiġifieri dik it-tqanqila ġdida fl-imġiba, fil-ħsieb jew fil-ħidma tan-nies. Aktar ma poplu jkun imqalleb, aktar ma l-bnedmin ikunu mħassbin dwar il-futur, aktar ma l-ġrajja jkunu mħawdin, aktar jiinħolqu* "avanguardisti" *li bħal appostli jxandru tibdil u jirsistu għal tiġdid bil-fehma, fl-arti u f'kull ħidma intellettwali jew manwali għax jidhrilhom li bit-taqlib il-bniedem jeħles mit-tweġħir, mill-biża', mill-irbit u mill-problemi tal-ħajja, b'hekk hu juri r-reazzjoni tiegħu.*

*Din ix-xewqa biex wieħed joħroġ b'xi ħaġa ġdida tnissel l-individwaliżmu: meta wieħed irid jidher differenti mill-oħrajn, ma jridx jagħmel bħall-oħrajn, ma jixtieqx jimxi mnejn igħaddu l-oħrajn. Din il-ħrara biex wieħed jidher differenti narawha kuljum l-aktar fost in-nisa fit-tibdil tal-moda, imma l-aktar li tqajjem għajdut u tħassib l-imħuħ meta tidher fl-opri artistiċi: pittura, skultura, letteratura.*

*Il-moderniżmu fl-arti qajjem kwestjonijiet u argumenti bla tarf, għax bħalma kull fehma ġdida tqajjem reazzjoni, u filwaqt tiġbed segwaċi, tħarrax oħrajn kontriha. L-arti moderna trid tindiehes f'tempji ta' foħrija fejn imissu jirrenja biss it-tradizzjonaliżmu, skond il-fehma ta' ħafna nies, filwaqt li bosta oħrajn jidhrilhom li t-tempji tal-fama għandhom ikunu miftuħin għall-ġenju sew jekk jieħu sura tradizzjonali u sew jekk jieħu sura moderna.*

*Imma l-opri moderni kollha huma frott tal-ġenju? Il-ġenju hu don l-aktar għażiż u sabiħ li bis-saħħa tiegħu l-bniedem jagħti sura*

*ta' ġmiel u ta' għaxqa lill-opri artistiċi li joħorġu mid-dehen tiegħu. Il-ġenju jqanqal ferħ u hena bl-opri artistiċi tiegħu, iħeġġeġ il-qlub għall-ġmiel u jpaxxi l-intellett. Dawk l-opri mnisslin mill-ġenju jgħaxxqu lil min jarahom u jġegħluh jifraħ u jħoss sens ta' mistrieħ u ta' sodisfazzjon; għall-kuntrarju l-opri pseudo-artistiċi, li ma humiex frott tal-ġenju, joħolqu taħwid fil-moħħ u ma jqanqlu l-ebda ħrara fil-qalb u ma jgħollux il-ħsieb 'il fuq lejn il-ġmiel u l-qdusija.*

*Ħafna artisti jidhrilhom li jistgħu jagħmlu isem billi joħorġu b'opri eċċentriċi, anakronistiċi jew sofistikati, li wieħed ma jistax jifhem sewwa t-tifsira tagħhom, opri li wieħed ma jistax jaqbad it-tarf fihom, opri li jħawdu l-moħħ u flok ma jnisslu hena, ferħ u mistrieħ, iqajmu konfużjoni fil-ħsieb ta' min jarahom. Opri bħal dawn ma humiex frott tal-ġenju veru, iżda huma frott ta' stramberija jew preżunzjoni jew kapriċċi ta' min joħloqhom. Hawn min isostni li l-opri moderni huma l-espressjoni ta' ruħ ta' min jagħmilhom,* **imma ruħ ta' individwu wieħed ma għandhiex dritt tħabbel il-moħħ ta' ħafna oħrajn bil-kapriċċi tagħha.**

*Tara ħafna nies iħarsu lejn pittura u skultura jew jaqraw letteratura u ma jistgħux jifhmu sewwa x'irid igħid jew ifisser l-artist jew l-awtur; huma jdumu ħafna jtellgħu u jnižżlu biex jaqbdu l-idea tal-opra; għalihom dawk l-opri qishom ħaġa moħġaġa fejn wieħed jeħtieġlu jdum ħafna jitfa' fehmiet u ħsibijiet biex jipprova jolqot it-tifsira moħbija. Din hi logħba tedjuża li taħli ħafna żmien, imma ssib xi wħud li jħobbu jqattgħu s-sigħat fiha, bħalma hemm dawk li jħobbu jħabblu moħħom biex jiggustaw l-arti moderna.*

---

## Il-Kunsill għas-Snin 1967 - 68

*Presidenti Onorarji*: Wisq Reverendu Professur Monsinjur Pietru Pawl Saydon, B.Litt., B.L.Can., D.D., Lict. S. Script.; Professur Ġużè Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D.; Sur Gino Muscat Azzopardi ;Sur Salvatore Gatt.

*President*: Professur Kavalier Ġużè Galea, M.B.E., K.M., M.D., D.P.H.

*Viċi-President*: Dottor Ant. Cremona.

*Segretarju*: Sur Godfrey Zarb Adami.

*Teżorier*: Sur Victor Apap.

*Segretarju Propaganda*: Sur Anton Agius Muscat.

*Membri*: Reverendu Professur Serafin Zarb, O.P., O.B.E., S.Th.M., S.S.D.; Reverendu Dun Frans Camilleri; Reverendu Patri Dijonisju Mintoff, O.F.M.; Sur Nikol Biancardi; Sur Karmenu Vassallo; Sur Ġużè Chetcuti; Sur Ġużè Cardona, B.A. Hons.; Sur Charles Coleiro.

# MINN BETLEHEM GHALL-KALVARJU

## LEĠĠENDA SAGRA

*Ta'* A. CREMONA

(*Jissokta minn "Il-Malti, ta' Ġunju* 1967, *pp.* 42-47)

Fil-Belt ta' Ġerusalemm

IL-ĠAWHRA TA' FIDWA MINN JASAR — F'RIĠLEJN IL-KALVARJU

*KOMMENTARJU NARRATIV — Introduzzjoni għas-Sitt Kwadru:—*

Għaddew tlieta u tletin sena minn m'ndu ARTABAN kien telaq minn daru f'Ekbatana biex imur isib il-Messija, u minn dak iż-żmien kienu ılu jiġġerra minn belt għal oħra minn raħal għal ieħor fl-artijiet tal-Palestina u tal-Eġittu bla ma kellu x-xorti li jara wiċċ dak il-bniedem li kellu jkun is-Sultan ta' Israel mibgħut minn Alla biex iwaqqaf saltna ta' sliem u ħaqq. Xagħru, dari iswed daqs l-irdumijiet tal-iġbla ta' Zagros, issa kien bjadlu bħas-silġ li jgħattu l-irjus ta' dawk l-għoljiet. Għajnejh li darba kienu jleqqu u jleħħu bħall-ilsna tan-nar, issa mċajprin bħal dawl dgħajjef ta' musbieħ inemnem, mikdud u għajjien, jistenna li ħajtu tinfena minn ħin għal ieħor, iżda, b'danakollu, ma kienx għadu qata' qalbu l jissokta jfittex lis-Sultan imwiegħed mill-Profeti.

ARTABAN ġie għall-aħħar darba fil-belt ta' Ġerusalemm. Huwa kien dlonk iżur dik il-belt qaddisa, u kien kull darba jistaħreġ fl-isqaqijiet tagħha kollha, fid-dwejriet u fl-għerejjex bla ma seta' qatt jikxef ebda sinjal tal-familja ta' Nazareth li snin ilu kienet telqet minn Betlehem. Issa issa jidher li wasal il-waqt li għandu jagħmel sforz ieħor, għax donnu bħal ħass minn isefsiflu f'qalbu li fl-aħħar għandu jirnexxilu li jiltaqa' mal-bniedem li ilu jfittex is-snin.

Kienet l-istaġun tal-Għid. Il-belt ta' Ġerusalemm kienet mimlija Lhud ta' dik il-belt kif ukoll ta' barra mill-belt. In-nies ta' Israel imxerrdin f'artijiet il bogħod kienu ġew fit-Tempju għall-Għid il-Kbir, u ma kontx tisma' ħlief tgeġwiġ ta' nies fit-toroq dojoq ta' dik il-belt. Is-sema kien qed jissaħħab u j'swied. Fost in-nies kien hemm bħal tqanqila ta' mistoqsijiet u ta' tpespis, ta' tkexkixa bħal dik li titqanqal minn mewġiet ta' rjieħ fost is-sġar ewl il-lejl ta' xi burraxka.

In-nies f'daqqa waħda, bħal imkaxkra minn xi mewġa qawwija, ġriet lejn naħa waħda jħarsu 'l fuq minn fejn dehrilhom li qed jilmħu xi ħaġa ġdida. Dik il-ħamla ta' nies baqgħu sejrin lejn it-triq li tieħu għall-bieb ta' Damasku. Ftit il bogħod ma' tul it-triq dehru jleqqu, fir-raġġi tax-xemx noħsha moħbija b'xi sħaba sewda t-truf tal-lanez, l-elmijiet u l-korazzi taċ-ċenturjuni u tas-suldati Romani.

ARTABAN, miexi mal-mewġa ta' dik il-kotra, iltaqa' ma' tlieta minn pajjiżu, tliet Lhud Parzjani li kienu ġew Ġerusalemm biex jingħaqdu ma' Lhud oħra fit-Tempju f'dawk il-ġranet tal-Għid. Hawnhekk issa narawh wieqaf jitħaddet magħhom u jiqstaqsihom fuq dik l-għagħa ta' nies u fejn kienu sejrin, fil-waqt li minn quddiemhom jidhru għaddejjin nisa bi tfal jitħaddtu u juru b'subgħajhom in-naħa fejn kienet sejra l-miġimgħa ta' nies lejn il-bieb ta' Damasku.

## IS-SITT KWADRU

*XENA:— It-triq ta' Ġerusalemm li tieħu għall-Bieb ta' Damasku li jidher il bogħod. Taħt il-ħitan tal-Pretorju . . . Lil hinn il-bogħod il-bogħod tidher il-quċċata tal-Kalvarju, barra mis-swar.*

*TLIET LHUD PARZJANI jidhru jitkellmu ma' ARTABAN fil-ġenb, fil-waqt li ma' ġenbhom jieqfu jitħaddtu bejniethom TLIET NISA bi tfal, waħda minnhom turi b'subgħajha n-naħa ta' quddiem.*

L-EWWEL MARA: (*Turi b'subgħajha*) Sejrin bih lejn dik in-naħa.

IT-TIENI MARA: Jaħasra! X'wiċċ ta' bniedem ġwejjed, u għal-kemm id-demm iċarċar ma' wiċċu, għajnejh jiddu bi ħlewwa u tjubija, iħares minn taħt, bi tbissima fuq fommu, lejn in-nisa li kienu qed jibkuh. Iva, Susanna, dawk il-Lhud il-kbar tas-Sinedrju xlewħ li hu qed ixewwex il-poplu Lhudi, qalu li hu dagħaj. Insew kemm fejjaq nies magħtubin u bla dawl. Le dak mhux ħati.

IT-TIELET MARA: Bħalek jien ngħid, ja Anna.

L-EWWEL MARA: U min fejn hu? — X'jismu?

IT-TIENI MARA: Nismagħhom igħidu li hu minn Nazareth, mill-Galilija. Iżda twieled fil-Lhudija f'għar ta' Betlehem, u jismu Ġesù bil-laqam ta' Nazzarenu.

IT-TIELET MARA: Kemm xtaqt narah. Imxu mmorru. Qalu li sa jsallbuh hemmhekk, wara s-swar tal-Belt.

IT-TIENI MARA: Leħnu għadu jidwi f'widnejja meta n-nisa li kienu jibkuh dar fuqhom u bid-dmugħ f'għajnejh qalilhom: "Ja bniet ta' Ġerusalemm, la tibkux lili, ibku lilkom infuskom u 'l uliedkom . . . .

*IT-TLIET PARZJANI LHUD u ARTABAN jieqfu mit-taħdita ta' bejniethom. IN-NISA jibqgħu jitħaddtu.*

ARTABAN (*lill-TLIET PARZJANI — wara li jeħodhom f'ġenb ieħor, b'leħen ħiemed*) Ġesù ta' Nazareth, twieled f'għar ta' Betlehem. Hekk qalu dawk in-nisa . . . immorru warajhom . . . Nistaqsuhom . . .

L-EWWEL PARZJAN: (*Lil ARTABAN*) Taħseb int li hu dak li kien imħabbar minn missirijietna ta' Parzja li għandu jitwieled, Bin Alla, Sultan tal-Lhud?

IT-TIENI PARZJAN: Minn kliemhom dak hu dak il-bniedem . . . l-għedewwa tiegħu, il-Fariżin, milli jidher ma ħamluhx u fettxew li jeqerduh.

ARTABAN: (*Lin-NISA*) Ja nisa twajba . . . uruna intom it-triq biex insibuh lil Ġesù ta' Nazareth . . . (*lilu nnifsu*) Jiena nħossha din l-aħbar qiegħda tfarraġli qalbi . . . (*lin-nisa*) Huduna intom... uruna t-triq intom . . .

*IT-TLIET NISA ta' Ġerusalemm juruhom bil-fomm u b'idejhom biex jimxu warajhom. In-NISA jitilqu bil-lajma bit-TLIET PARZJANI warajhom.*

ARTABAN: (*Iħares lejn is-Sema*) Min jaf inkunx fil-ħin li nilħqu ħaj? . . . Jista' jkun li fl-aħħar, wara tlieta u tletin sena li ili infittxu, insibu lis-Sultan f'idejn l-għedewwa tiegħu u nkun fil-waqt li noffri l-aħħar ġawhra tiegħi biex neħilsu mill-mewt? . . .

*ARTABAN jkun sa jitlaq wara n-NISA u SĦABU meta f'daqqa waħda minn wara l-ħitan tal-Pretorju tfeġġ ċurma ta' suldati jkaxkru XBEJBA b'ilbiesha mċarrta u xagħra mħabbel. ARTABAN waqqaf il-pass u qagħad iħares lejha bi ħniena. IX-XBEJBA, malli ratu, inħallet bil-herra minn idejn is-suldati u nxteħtet ma' riġlejh fil-waqt li ħafnet id-djul ta' lbiesu madwar ir-rkobbtejh. B'għajnejha fuq il-barnuża bajda ta' rasu u ċ-ċirku bil-ġwienaħ madwaru fuq sidru, li messet b'idejha, tibda tgħajjat:—*

XBEJBA: Iva, int biss tista' teħlisni . . . Ikollok ħniena minni f'ġieħ Alla ta' l-Erwieħ Safja . . . . Jien ukoll bint dak id-Din li għall-muna sħabek, il-Maġi. Missieri kien bejjiegħ Medjan bħalek, iżda issa miet, u lili qabduni għad-djun li kellu biex jbigħuni bħala rsira. Eħlisni, eħlisni minn tbatijiet li huma iżjed ħorox mill-mewt!

ARTABAN: (*Jibda jirtogħod*) Din ġejja minn Alla . . . għat-tielet darba Alla sejjaħli biex nuri l-ħniena Tiegħu, flok Ibnu. M'hemmx triq oħra x'nagħżel. Inħalli lil din l-imsejkna f'ħalq il-kefrija tal-bnedmin biex nilħaq nara 'l wiċċu . . . nara dak il-wiċċ, inkellmu, noffrilu l-aħħar teżor li fadalli biex forsi . . . forsi neħilsu minn idejn l-għedewwa tiegħu, lil Dak li ili s-snin infittex? — Qalbi maqsuma. Iżda din tagħleb kull xewqa . . . ukoll ix-xewqa li nara wiċċu . . . nisma' kelma minn fommu . . . Li neħles lil din l-imsejkna minn ħalq il-kefrija tar-regħba tal-bnedmin hija ħaġa li jħobb fuq kollox dak is-Sultan li ġie fid-dinja għalhekk . . . (*Joħroġ minn ħobbu l-ġawhra u jagħtiha f'idejn ix-XBEJBA fil-waqt li jgħidilha*):— Din hija l-fidwa tiegħek, ja binti . . . Din hija l-aħħar ġebla prezzjuża mit-teżor

tiegħi, li jiena żammejt biex n'offriha lis-Sultan. (*Ix-XBEJBA tibqa' tħares lejh bi ħlewwa u bi tbissima*).

*Tinstama' bħal ragħda fil-bogħod l-art titriegħed, il-bini jixxengel, il-ġebel ta' xi bini jibda jaqa'. Titla' bħal sħaba ta' trab u magħha jleħħu beraq bit-tkarwit ta' ragħad. Is-suldati mbeżżgħin jitilqu jiġru 'l hawn u 'l hinn bħal nies fis-sakra. Iżda ARTABAN u x-XBEJBA jibqgħu mrekknin bħal stawi taħt il-ħitan tal-Pretorju. Ix-XBEJBA tibqa' għar-rkobbtejha tħares lejn ARTABAN, qalbha qawwija mill-ħniena tiegħu lejha, fil-waqt li ARTABAN, wara li newlilha l-ġawhra f'idejha, jdawwar il-ħarsa tiegħu lejn is-sema, in-naħa ta' fejn kienu marru sħabu l-Parzjani Lhud u n-NISA ta' Ġerusalemm.*

*F'daqqa waħda, wara tregħida kbira ta' art u bini, u leħħ ta' beraq u ragħad taqa' ġebla mis-saqaf tal-ħitan tal-Pretorju u tolqot lil ARTABAN fuq moħħu. ARTABAN jaqa' bid-dmija fuq rasu fuq wiċċu fuq dirgħajn ix-XBEJBA. Ix-XBEJBA tixxotta d-demm ta' moħħu bil-libsa tagħha fil-waqt li tħaress 'il fuq tissamma leħen fil-bogħod 'il bogħod donnu ħiereġ mis-sema.*

*Jinstama' Kor ta' Anġli fil-bogħod. Wara ftit il-leħen tal-Kor jintefa bil-mod il-mod. Il-kliem tal-Kor minn versi tal-"Vexilla Regis".*

*Wara li jintefa l-leħen tal-Kor.*

ARTABAN: (*Jiftaħ bil-kemm għajnejh, iħares lejn is-sema, iħarrek xufftejh, u jarfa' idu l-lemenija lejn is-sema*)
Mulej, ikollok ħniena minn dan ir-rahan tal-fidwa ta' bniedma... minn din ix-xbejba li jiena fdejt mill-jasar ta' kefrija u dnubiet bl-aħħar teżor li kien merfugħ għalik. Biex għamilt dak li Inti xtaqt minni, jiena qgħadt bil-ġugħ u tmajt, qgħadt bil-għatx u sqejt, min ma kellux ħwejjeġ biex jitgħatta jiena inżajt ħwejġi u libbistu, żort il-morda u l-ħabsin, għax hekk Inti ridt minni bla ma kelli x-xorti nara 'l wiċċek . . . tlieta u tletin sena li infittxek, imma qatt ma rajt wiċċek . . .

*Fil-waqt li x-Xbejba timsaħlu d-demm u d-dmugħ minn għajnejh li dehru sa jingħalqu jinstemgħu dawn il-kelmiet minn fost is-sħab li minnhom huwa u ħiereġ il-kliem feġġ dija qawwija: Għajnejn ix-XBEJBA jibqgħu jħarsu ċassi lejn is-sħab. ARTABAN jarġa' bil-mod il-mod jiftaħ għajnejh u jħares 'il fuq.*

LEĦEN minn ġos-SĦAB: "Tassew ingħidlek. Dak li inti għamilt għall-inqas wieħed jew waħda minn ħuti, inti għamiltu għalija"
*Id-dawl minn ġos-sħab jintefa.*

*Fuq ix-xefaq in-naħa tal-Golgota jidher mixgħul b'dawl nieżel mis-Sema fuq is-Salib fejn jidher KRISTU IMSALLAB.*

ARTABAN: (*B'għajnejh fuq KRISTU IMSALLAB u bi tbissima fuq fommu*) MULEJ, MULEJ . . . fl-aħħar wettaqtli x-xewqa tiegħi . . . . Ilqagħni fi ħdanek . . .

TMIEM

---

# MEWT U ĦAJJA

*Ta' PAWLU CACHIA*

Nies imbikkija,
Sewdiena f'libsitha,
F'rokna miġbura:
Xewqana tistenna li joħroġ
Mgħotti t-tebut
B'faldrappa faħmija.

Min jitħaddet kiebi;
Min b'għajnejh ħomor:
Ilkoll qalbhom maqsuma
Għar-reżħa tat-telfa
Xejn mistennija.

U f'dik il-ħemda,
Hemm tfeġġ karozza tgħammex bi tlellixha . . .
Ittanbar waħda f'waħda
Kollha ħluqija
Biex lill-miġemgħa tofroq
U tħalliha għaddejja ħielsa,
F'waqt dik twarrab siekta,
U fuq ponot subgħajha tittawwal . . .
Iġġebbed għonqha
Sabiex tara x'inhu għaddej;
U x'tilmaħ . . . ?
Tilmaħ tarbija mgeżwra f'xall bajdani
Imdawra b'uċuħ hienja . . .
Ħlejqa oħra twieldet . . .

F'salt wieħed, iqum bħal tgeġwiġ ta' riefnu:
"Tassew li d-dinja rota
U aħna l-fusien tagħha:
Min tqabbdu t-trejqa ta' xefaq id-dija,
Min traqqdu magħha fit-trab tax-xjuħija."

# BALLETT U POEŻIJA FIL-KONĊETT SPANJOL

*Ta'* V.M. PELLEGRINI

Il-Poeta hu tabilħaqq fenomenu universali, ambaxxatur ta' ġmiel, armonija, għaqda u sliem. Flimkien mal-Poeta jimxu id f'id il-Pittur, l-Iskultur, il-Kompożitur, il-Mużiċist, il-Koreografu, il-Ballerin u dawk l-oħra li b'xi mod jew ieħor iwasslu għall-widna, għall-għajn u għall-qalb l-isbaħ sentimenti li f'kull żmien qanqlu l-umanità u kienu ta' faraġ u hena għal tant u tant ġnus.

Ma kienet xejn għalhekk ħaġa barra minn lokha li, meta fit-Teatru Manoel dehret Kumpannija Spanjola ta' Ballett, il-poplu ikkonkorra tassew numeruż u f'tant entużjażmu, u dana għax ħass żgur ġo fih xi ħaġa x'tiġbdu, u, meta ra dawk id-danzi, sbieħ u karatteristiċi, ħassu mqanqal u mimli b'sentimenti l-iktar għolja.

X'kienet dik ix-xi ħaġa li qanqlet daqshekk lill-poplu Malti fil-wirja tal-Ballett Spanjol?

L-ewwel u qabel kollox is-sentiment reliġjuż, għax il-Ballett Spanjol huwa marbut ħafna mar-reliġjon, tant li f'diversi ċirkostanzi, dawn il-Balletti jsiru f'xi funzjoni reliġjuża fuq iz-zuntier tal-Knisja.

Fit-tieni lok, il-bravura personali ta' kull membru tal-Kumpannija li jesegwixxu numri diffiċli, wieħed wara l-ieħor, nisa u rġiel, u li ma tafx lil min minnhom tfaħħar l-iżjed. Imbagħad il-kant li hu parti sħiħa mal-Ballett u li jservi mhux biss bħala akkompanjament, iżda wkoll bħala ispirazzjoni għall-ballerin jew ballerini waqt iż-żifna tagħhom.

F'din il-kwalità ta' kant, li huwa diffiċli ħafna u li mhux kulħadd hu adattat għalih, hemm xi ħaġa speċjali li hi apprezzata ħafna minn min jifhem. Il-vibrazzjoni tal-leħen, il-*crescendo* u d-*diminuendo*, il-*forte* u l-movimenti stess ta' l-idejn u s-swaba', huma kollha sinjifikativi u parti integrali miż-żifna spanjola.

Mal-kant u l-figurazzjonijiet ta' kull żifna trid iżżid il-bravura tal-kitarristi, l-akkompanjament tal-kastanjoli, il-vestjarju pittoresk b'*colour scheme* stupend, kostumi nazzjonali spanjoli, sbieħ tassew u dejjem imżewqa, b'dak l-iswed majjestus, f'ċerti numri ta' drammatiċità qawwija.

Dan kollu huwa l-qoxra, biex nghid hekk, tal-Ballett Spanjol; niġu issa għas-sustanza — Ser nagħżel biss xi tnejn jew tlieta mill-balletti prinċipali, għax inkella, ikolli niġbed fit-tul wisq, billi tant hemm xi tgħid, li wieħed jista' jikteb ktieb. Ir-Re tal-ballett spanjol hu tabilħaqq il-Flamenco. Din hi żifna ta' drammatiċità l-iżjed qawwija li fiha ż-żeffiena spanjoli jpoġġu ruħhom u s-sentimenti l-iżjed sbieħ tagħhom. Tikkonsisti f'ħafna varjazzjonijiet iżda dejjem bi djalogu mal-kitarra u mal-ħsibijiet taż-żeffien. Kull pass, kull moviment ta' l-idejn, l-espressjoni tal-wiċċ huma ħaġa waħda mal-ħoss taż-żifna u kollox, għal min jifhmu, hu ċar daqskemm kieku qiegħed tisma' l-kliem ta' xi *song* jew ta' xi romanza. Passjoni, misteru, *pathos*, odju, imħabba, xewqat, emozzjonijiet, kollox jesprimi ruħu bil-passi, bit-*tapping*, bil-*pirouettes*, jiġifieri d-dawrien tal-ballerini. Danza tassew sabiħa u li hemm fiha r-ruħ nazzjonali ta' Spanja.

Hemm imbagħad żifniet minn bliet u rħula differenti, bħalma huwa ż-żfin karatteristiku ta' l-Andalusija, ta' Malaga, ta' l-Aragona, ta' Majorca, tal-Catalogna u mkejjen oħra. Insibu żfin bħalma hu r-rumba girtana, il-Fandango, il-Verdiales u s-Soleares. Biex titkellem fuq kull waħda minn dawn iż-żifniet trid ikollok tabilħaqq ħin sewwa u qabel nagħlaq ma rridx nonqos li nkellimkom fuq is-"Saetas".

Dawna huma isimhom magħhom "sajjetti" fis-sens li huma ħaġa spontanea, li toħroġ mill-qalb tal-poplu taħt sura ta' invokazzjonijiet, l-iktar Kristu mejjet u lill-Verġni Omm Alla waqt il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira bil-vari sbieħ bħal ma għandna aħna fil-Belt u fl-irħula. Hawn Malta daħlet id-drawwa tal-kant liturġiku, speċjalment mit-tfal quddiem il-Monument; fi Spanja iżda dan is-sentiment għadu fil-poplu nnifsu u għalhekk tara bħal sajjetta xi koppja ħierġa minn qalb il-folla, tgħajjat it-tifħir imqanqal tal-qaddis li tkun il-festa tiegħu waqt il-purċissjoni.

Din is-"Saeta" interpretata fiż-żifna kif rajnieha fit-Teatru Manoel minn Josè de la Vega u Izabel Blancfort bl-akkompanjament wisq effettiv ta' sempliċi tanbur, u l-kant ta' l-istess "Saeta" kienet xi ħaġa tassew stupenda, bħal ma xejn inqas stupenda kienet fis-suġġestività tagħha x-xena formata minn sfond ta' pjanċi taż-żingu mqasqsin bizzilla, fuq l-iswed tad-drapp, f'*semi-ombra* inżikkjata, bi dwal lewn vjola qawwi.

Il-ballett spanjol ta' Josè de la Vega ispira ruħu għaż-żifniet li esegwixxa f'Malta mill-poeżiji tal-Poeta Spanjol Federico Garcia Lorca. Difatti l-programm kien imżewwaq b'deklamazzjoni ta' poeżiji ta' dan il-poeta kbir u għalhekk inħoss li tkun ħaġa xierqa li ntikom bil-Malti dak li Miguel Palenzuela iddeklama fl-oriġinal spanjol.

Fil-poeżija spanjola bid-differenza ta' dak li nsibu f'poeżiji miktuba bil-lingwi oħra, tiddomma l-immaġini iżjed milli l-kelma, billi l-ispanjol jħossu ħafna s-sbuħija tan-natura u għalhekk fid-diskors tagħhom jesprimu ruħhom iktar bix-xbiħat milli bil-kliem ta' kuljum. Difatti dawn il-poeżiji ta' Federico Garcia Lorca li ser inġib, biex wieħed jista' japprezzahom fil-valur intrinsiku tagħhom, irid iħalli l-immaġinazzjoni tiegħu timraħ mal-ħsieb ta'-Poeta, li f'daqqa waħda minn idea dominanti jaqbeż f'idea ġdida, kultant deċiżament opposta għal ta' l-ewwel, biex b'hekk joħloq kontrast jew paralleliżmu, u hekk ipoġġihom fuq pjan wieħed li bil-qawwa tiegħu jirbatti l-ħsieb ewlieni li tkun ispiratlu l-poeżija.

F'dawn il-kontrasti qiegħed appuntu s-sabiħ u l-oriġinalità tal-poeżija spanjola. Għall-qarrej jew semmiegħ artifiċjali li jaħseb li l-poeżija hija dik biss magħmula mill-kliem, vrus u rimi, il-poeżija spanjola ma togħġbux żgur, il-għaliex is-sustanza tagħha trid issibha moħbija fit-tixbihat u fil-ħsieb tal-poeta. Karatteristika speċjali oħra huma r-ritornelli jew ripetizzjonijiet ta' vrus jew ta' stanzi sħaħ, li għalkemm jistgħu jidhru tedjużi, fil-fatt jagħtu enfasi lill-ħsieb ewlieni tal-poeta, li b'dik ir-ripetizzjoni jkun juri t-tqanqil intimu tiegħu.

F'ħarġ'oħra rressaq quddiem il-qarrejja xi ftit poeżiji ta' Federico Garcia Lorca, li jiena qlibt għall-Malti u li 'l quddiem beħsiebni niġbor fi ktieb.

---

## JAHVEH!

*Ta' ERIN SERRACINO-INGLOTT*

Int, li minn dejjem Int, kollox issawwar,
u b'kulma trid li jsir toqgħod tithenna;
Int għal seteghtek sħiħa qed iddawwar
id-dinja u l-ħlejjaq, imħarsin u mkenna:

Il-lejl bid-dlam, in-nhar bid-dawl ridt tfawwar;
liż-żmien tajt tmiem, għanejt bid-dwiem il-Ġenna:
u ma tidhirx u kollox tara, tqawwar
u ssuq bla ma titħarrek jew tistenna!

Int timla kullimkien! Sew barra u ġewwa
tinsab bis-sħiħ f'wesgħatek u fi rkanek!
U mimli mħabba u ħniena u maħfra u ħlewwa!

U nnifsek fik u bik lilek tistagħnek!
Nitolbok, jekk m'għaraftx inħobbok sewwa,
Aħfirli . . . . u, xħin trid Int, ħudni fi ħdanek!

8-3-67.

# SUPERSTIZZJONIJIET

*Ta'* JOHN C. FRIGGIERI

Kull pajjiż, jew aħjar kull ġens li jgħammar fid-dinja għandu s-superstizzjonijiet tiegħu.

Is-superstizzjoni hija dak it-twemmin li wieħed ikollu fil-qawwa ta' xi ħaġa li minnha nfisha, u bla għajnuna ta' xi qawwa oħra, ma tista' qatt tasal biex twaqqaf jew tbiddel l-ordni li għalih ġiet maħluqa minn Alla. Hekk, ngħidu aħna, biċċa ġebla mixħuta f'rokna għandha tibqa' fejn hi u fl-istess qagħda għal dejjem sakemm xi ħadd jew xi ħaġa b'qawwa tagħha jbiddlulha postha.

Issa nafu li xi ħaġa bla ħajja minnha nfisha ma tista' qatt tagħmel ħsara sakemm ma jkunx hemm qawwa barranija li tinqeda biha biex tagħmel dan. Nieħdu eżempju: jekk xi ħadd ifettillu jaqbad dik il-ġebla li qiegħda bi kwietha fir-rokna u jitfagħha fuq xi ħġieġa ta' armatura kbira, nafu x'jiġri; il-ħġieġa tinkiser u wara x'aktarx jinqala' l-għawġ. Issa ma nistgħux ngħidu li l-għawġ li nqala' kien ħtija tal-ġebla, le ħej! l-għawġ inqala' mill-qawwa li biha ntefgħet il-ġebla li kissret il-ħġieġa u l-qawwa ta' min hi? tal-ġebla? il-qawwa hija ta' dak l-għafrit li waddabha, u għalhekk ngħidu li mhux il-ġebla, iżda min waddabha huwa l-awtur tal-ħsara.

L-istess mela jiġri fis-superstizzjoni, inkunu nqiegħdu, biex ingħid hekk, l-effett tal-kawża fuq xi ħaġa li ma jkollha x'taqsam xejn bħal dak l-iblah li jgħid li kienet il-ġebla u mhux min waddabha l-ħtija li nkisret il-ħġieġa.

Is-superstizzjoni hija għalhekk mhux biss kontra kull raġuni, iżda wkoll nuqqas kbir kontra t-tagħlim tal-Knisja, anzi kontra l-istess twiddib ta' Alla l-Imbierek skond l-ewwel Kmandament: "Jiena hu Alla sidek, ma jkollokx Alla ieħor għajri". U tabilħaqq, għaliex filwaqt illi aħna nemmnu li kull setgħa hija ġejja minn Alla, bis-superstizzjoni nkunu qegħdin nagħtu qawwa lil dik il-ħaġa maħluqa Minnu u li għalhekk minnha nfisha ma tista' qatt tagħti minn dak li m'għandhiex. Mela kieku wieħed kellu jħares ftit lejn is-superstizzjoni mil-lenti tar-raġuni, kif rajnieha aħna, malajr kien jinduna kemm huwa mqarraq u bla għaqal dak li jemmen f'dawn il-ħmerijiet.

Kif għidt fil-bidu, kull ġens tad-dinja għandu s-superstizzjonijiet tiegħu, u m'għandniex xi ngħidu, f'Malta wkoll kellna bosta minnhom. Minħabba li dawn il-Gżejjer kienu minn żmien għal ieħor maħkuma minn kull xorta ta' ġens kollha bit-twemmin differenti tagħhom, nistgħu naħsbu li ftit jew wisq kull wieħed minn dawn ħalla fostna

xi ftit mid-drawwiet u twemmin tiegħu. Il-Feniċi, il-Kartaġiniżi, ir-Rumani, il-Griegi, l-Għarab, in-Normanni, il-Kavalieri, il-Franċiżi u fl-aħħar l-Ingliżi, ma jistax jonqos mela li s-superstizzjonijiet tagħhom ma tlaħħmux ma' ta' missirijietna mal-mixja tas-snin sa waslu għandna. Għalkemm ma nistgħux ingħidu li dawn is-superstizzjonijiet inqatgħu għalkollox, iżda għallinqas nafu li l-biċċa l-kbira tagħhom indifnu maż-żmien u qajla hemm tama li jerġgħu jaraw id-dawl tax-xemx.

Waħda minn dawn is-superstizzjonijiet kienet dik taż-żejt, it-tixrid taż-żejt kien meqjus bħala għelm ta' xi għawġ u min kien ixerrdu kien wara jaqbad ponn melħ u jitfgħu lura minn fuq spallejh biex iħajjar l-għawġ jerġa' lura. M'għandniex xi ngħidu din tal-melħ tkompli żżid mas-superstizzjoni taż-żejt għaliex la l-wieħed u lanqas l-ieħor m'għandu dik il-qawwa li jġib jew ibiegħed il-għawġ. Minnaħa l-oħra it-tixrid ta' l-inbid kien għelm ta' riżq. Tgħid hekk jaħsbuha s-superstizzjużi li t-tixrid ta' l-inbid, li jkun tebbgħalhom u għarrqilhom xi tvalja sabiħa, għandu jġibilhom ir-riżq?

Ma' dawn inżidu oħrajn xejn inqas bla sens bħal dik ta' meta jinkiser mera li għalihom tfisser għali kbir; imbagħad iftaħ għajnek taqbad tiknes wara nżul ix-xemx għax igħidulek li tkun qed titlob il-mewt tal-kap tad-dar.

Kien hawn ukoll min jemmen li l-ħut ta' l-ilma ħelu fid-dar huwa riżqu ħażin, issa ħalliha li wieħed li rebaħ kemxa flus sewwa dan l-aħħar kellu wieħed mill-isbaħ u l-akbar akkwarju f'Malta. U allura nemmen li l-ħut fid-dar huwa riżqu ħażin?! Hemm ukoll il-ħrafa tal-baħrija jew ta' xi farfett li jidħol minn xi tieqa mħajjar mid-dawl tal-lampa. Il-lewn tal-baħrija kien ibiddel dak li kienu jbassrulek — jekk il-baħrija tkun sewda tfisser aħbar ta' mewt, jekk ħamra, allura flok niket ikun riesaq il-ferħ. Din sieħeb tal-qattus iswed li drajnieha mhux ħażin iqabbluha mal-"good luck" ta' l-Ingliżi.

Waħda mis-superstizzjonijiet li daħlet fostna fi żmien l-Ingliżi hija dik tan-numru tlittax. Dan in-numru jgħidulek huwa riżqu ħażin wisq u dawk li jibilgħu din il-ħrafa jippruvaw jaħarbuh kemm jistgħu. Wieħed li kellu jsiefer fit-13 tax-xahar taraħ iħassar il-passaġġ għax jibża' li ma jasalx bis-sliema. Imbagħad xi ngħidu għall-jum meta jaħbat il-Ġimgħa? Hawn nies li dak in-nhar lanqas joħorġu mid-dar għax jibżgħu li tiġrilhom xi ħaġa kerha. M'għandniex xi ngħidu, kull biċċa inkwiet, żgħira kemm hi żgħira, li tinqala' dak in-nhar arahom iwaħħlu fin-numru 13. Din id-drawwa nsibuha l-aktar fost l-Ingliżi u dak in-nhar tarahom joqogħdu b'seba' mitt għajn fuq dak li jkunu jagħmlu.

Fost is-superstizzjonijiet tar-riżq, insibu dik tan-nagħla taż-żiemel u din għadna sallum narawha mwaħħla wara l-bibien ta' xi djar.

Din tan-nagħla kien fiha x'wieħed irid jifhem u joqgħod attent sewwa, għax mhux għalkemm ikollok nagħla, iżda li jkollok in-nagħla u taf kif tużaha, jekk tabilħaqq tkun trid ir-riżq f'darek! L-ewwelnett 'n-nagħla trid tkun użata, jiġifieri li xi darba kienet imsammra ma' difer il-bhima, u li meta twaħħalha mal-bieb għal "good luck" trid tqegħedha bil-ponot iħarsu 'l fuq għax inkella s-*sinjura Fortuna* naqilbulha d-demm għal rasha, nisturduha, titgerrex u titlaq infastidita. Nistħajjel ħafna minnkom irċevew xi darba jew raw kartolini b'xi stampa ta' nagħla; dawn suppost ikunu messaġġi ta' xewqat tajba u riżq. Xi ħrafa u x'kuntradizzjoni tara min jibgħatlek kartolini bħal dawn fil-festi tal-Milied, kartolini li suppost iwasslu l-ferħ u x-xewqat tajba ta' sliem u hena ta' Dak li niżel mis-Sema biex igħallimna l-verità u llum wara elfejn sena ssib il min b'superstizzjonijiet tad-daħk iżeblaħ l-egħżież messaġġ ta' Alla lill-bniedem.

Xi ngħidu mbagħad għall dawk li jibżgħu jibdew xi biċċa xogħol fil-jum ta' nhar ta' Ġimgħa għax igħidulek li xogħol mibdi dak in-nhar ikollu tmiem ħażin; ma jimpurtax jekk dak in-nhar ikomplu xogħol mibdi qabel, iżda li jibdew xogħol ġdid, hekk le, ħalli jibdewh l-għada s-Sibt. Xi bluha! Imbagħad fost is-sitt ijiem xogħol li fiha l-ġimgħa, għaliex wieħed ifettillu jitfa' dan il-għajb ikrah fuq dak il-jum għażiż li fih Kristu temm ħajtu fost ħruxija kbira biex jifdi l-bniedem!?

Kif għidna qabel, ħafna minn dawn is-superstizzjonijiet inqatgħu u ftit huma dawk li għadhom jemmnu fihom għax wara kollox dan it-twemmin qarrieq huwa kollu ħtija ta' l-injuranza u llum, għall-grazzja t'Alla, it-tagħlim kiber u xtered fost ulied il-klassi tax-xogħol; moħħ il-bniedem infetaħ biex jagħraf u jagħżel dak li huwa tajjeb mill-ħażin u l-bniedem tgħallem iwarrab il-morr tas-sikrana mill-benna tal-qamħ.

Xejn u ħadd ma jista' joqgħod flok Dak li bil-qawwa u s-setgħa Tiegħu biss jista' jbiddel l-ordni tal-ħolqien, xogħol ta' idejh, f'armonija perfetta għax Huwa biss is-Sid ta' kollox u xejn ma jitbiddel jew jiċċaqlaq jekk mhux bir-rieda Tiegħu bla qies.

---

## KOTBA LI RĊEVEJNA GĦAL-LIBRERIJA

IR-RUŻARJU — Editur P. Val. Barbara, O.P. No. 1. Jannar—Frar, 1967; No. 2. Marzu — April, 1967; No. 3. Mejju — Ġunju, 1967; No. 4. Lulju — Awissu, 1967.

FIRST FOCUS ON FLORIANA — minn għand l-Awtur, Emmanuel S. Tonna, M.B.E.

# ĊINERAMA

*Ta' CHARLES COLEIRO*

Imtlew is-siġġijiet
bil-laħam jogħtor, mitluq
fjakk u mingħajr saħħa,
bil-ħġieġ tal-pupilla jdemma' fid-duħħan
idur u jdur mad-dulur
imwaddab fuq liżar
jew mal-bżieżaq tas-sapun
li jifqa'
il-compere f'nofs id-dlam
mid-dlam li fih ikun.
Irjus, mewġiet
telgħin, neżlin,
oħrajn tnejn tnejn mitluqin
ifittxu fil-qiegħ lil Venere
u 'l-vleġeġ tad-deheb.
Irjus, oħrajn
bil-ġmamar kollha nar
deħlin, ħerġin mis-swaba'
li qabel ħaffru
u ndafru
bil-ħsejjes imbaskta
tas-selofin:
artab il-ġuġu, eħrex it-tqarmiċ,
fliexken u tiben jinbarmu
taħt tkaken u ġlud
u foresta ta' riġlejn
u ħsibijiet.

Ċine jitkellem quddiem
ċine fin-nofs jitkellem bla kliem
ġo ċinerama ta' ċekċik u nifsijiet
li jġemmgħu u jsemmgħu film ieħor
fejn protagonisti
ta' ħdejja, ta' ħdejk
il-ġirien.

Xħin jisbaħ,
it-tmiem ma jkunx:
id-dawl artifiċjali
jikxef uċuħ oħrajn,
uċuħ bin-ngħas
imdejqa bil-ferħ li xtarru f'sagħtejn
ferħana li d-dulur għadda f'sagħtejn
ħosbiena li d-dramm tagħhom igħaddi s-sagħtejn
u jħażżu fuq ġbinhom qabel l-exit
l-effett ta' dak li raw
— oħrajn l-effett ta' dak li taw —
idejn jitmattru
u ħwejjeġ miġburin
u strument li mill-ġdid
jofroq ix-xagħar, pulit.

1/6/66.

---

# F'LEJL SAJFI

*Ta' P. FELIĊ SAMMUT O.F.M. Conv.*

F'lejl sajfi — t'Awissu — kont rieqed f'kamarti:
Is-sħana qajmitni — wis-sodda ħallejt;
L-arloġġ kien jurini — li l-ħdax kienu daqqu;
Riġlejja kaxkruni — lejn taraġ il-bejt.

Taħt sema kaħlani — imżejjen bil-kwiekeb.
Inxtħett fuq friex iebes — nithenna fil-kwiet
Bil-ġmiel u bil-kobor — tal-ħlejjaq madwari;
Iż-żiffa bis-sirda — tgħaxxaqni kompliet.

O Alla, ja Sidi — Sbuħitek għaġġbitni . . .
Għax b'idek setgħana — Int kollox sawwart!
Għal dan ġieh inroddlok — u 'l ħlejjaq nistieden
Biex ħajr lilek jagħtu — fis-sema u fuq l-art.

Il-ħin malajr għadda — u le jarġa' lura:
Sagħtejn ta' lejl hiemed bħal leħħa għaddew;
Tifkirthom f'dal-veres — fettilli li nħarbex,
Biex f'moħħi jitnaqqxu u qatt ma jintsew.

Burmarrad, bil-lejl: 16-17 ta' Awissu, 1966.

# LA DIVINA COMMEDIA

Is-Sur Rob. Mifsud Bonnici, il-magħruf kittieb u awtur veteran, fis-sena 1965, fl-okkażjoni tas-Seba' Ċentinarju ta' l-immortali Dante Alighieri ippubblika Studju Partikulari fuq Dante, La Divina Commedia u l-ġrajja tagħha f'Malta.

Is-Sur Rob. Mifsud Bonnici bla ma qagħad iħares lejn it-tagħbija ta' 82 sena, inkoraġġit minn awtoritajjiet altru li magħrufin fl-oqsma tax-xjenza u tal-letteratura, mimli tama fil-għajnuna speċjali t'Alla, bla ma qagħad iħares lejn il-ħafna diffikultajjiet, f'Jannar ta' din is-sena medd għonqu u b'enerġija ta' żagħżugħ daħal għal xogħol wisq akbar minn dak li ippubblika fl-1965. Din l-opra kolossali tikkonsisti f'PARAFRASI — KUMMENTARJU — TRADUZZJONI — TIFSIR — DESKRIZZJONIJIET — DJALOGI — f'kelmtejn studju estensiv tat-Tliet Kantiċi: INFERN — PURGATORJU — ĠENNA tad-Divina Commedia.

Din li ġejja hi silta minn dan l-aħħar xogħol tas-Sur Rob. Mifsud Bonnici.

## LA DIVINA COMMEDIA

### INFERN — KANT V

*It-tieni dawra. Minosse. Midinbin żienja jittajru fl-arja maqbudin f'tempesta. Francesca minn Rimini.*

Minn dik l-ewwel dawra, il-Limbu, iż-żewġ Poeti niżlu fit-tieni waħda, sabuha iżgħar ħafna mill-oħra imma l-uġigħ jinħass wisq ijżed. Fid-daħla sabu lix-xitan Minosse b'denbu twil twil qiegħed igħarbel l-ħtijiet ta' l-erwieħ, ruħ ruħ u għal kull dnub igħażżaż snienu u jħares ikreh lejha. Wara l-qrara, ix-xitan imħallef jaqta' f'liema dawra ħaqqha dik ir-ruħ, iqum bilwieqfa, idawwar denbu ma' qaddu għal darba tnejn tlieta... u dak il-waqt ir-ruħ, tgħajjat u twerżaq issib ruħha f'postha skond it-twaħħila ta' l-imħallef Minos.

Bosta u bosta kienu l-erwieħ jistennew waqthom biex iqerru dnubiethom u jisimgħu s-sentenza irrevokabbli, meta Minos induna b'Dante tad-demm u l-laħam, u mistagħġeb b'leħen jinħass imgħaddab beda jsaqsih waħda f'waħda: "Int, min inti? Min ġiebek hawn qalb in-niket u l-uġigħ? Attent kif tidħol u tafda f'ħadd; taf kif

tidħol imma ma tafx kif toħroġ..." Virgilio b'leħen sħiħ ċanfru u qallu: "Għalfejn dan il-ħafna tlablib? Taqtagħlux qalbu, imur fejn irid u jagħmel kulma jrid. Tindaħallux u agħlaq fommok."

Hawn Dante mhux krib sama' imma biki u lfiq, għajat u twerżiq ta' disperazzjoni, niket u wġigħ minn għadd bla għadd ta' erwieħ indannati f'din it-tieni dawra. Mexjin u deħlin dejjem iżjed il ġewwa fi dlam iwaħħax bdew jinstemgħu irwiefen ivenvnu, xita u silġ! It-tempesta infernali bla xejn mistrieħ, raw l-erwieħ jittajru, jaħbtu ma' xulxin u l-għajat, twerżiq, biki, dagħa u ħalf ma jaqta' xejn. Hawn jitpattew dawk il-pjaċiri karnali moqżieża, dawk il-ħafna waqgħat b'nuqqas ta' reżistenza fil-passjonijiet libidinużi, dak l-impetu ta' l-aptit karnali... issa bi tpattija jinsabu jittajru qatet qatet bħall-isturnell f'dik ir-reżħa, f'dak l-inġazz, f'dawk l-irwiefen, xita u silġ... erwieħ oħrajn jittajru fillieri fillieri bħall-għerienaq donnhom suldati mhejjin għall-battalja jgħannu għaniet bil-Franċiż ta' oriġini ċeltiku... Hawn Dante ġieb quddiem għajnejh nisa mbikkija għall-ħsarat li wettqu fost is-soċjetà, b'dik l-imġiba skandaluża tagħhom, bil-kliem fieragħ, bil-ħami minn taħt ħtija ta' bosta tixrid ta' dmugħ u ta' demm!...

Dante skantat iħares lejhom ġietu l-kurżità u staqsa lil Virġilio jagħrafx lil xi wħud minn dawk l-erwieħ li qegħdin jittajru u jġarrbu dik it-tbatija kollha. "Iva," wieġbu Virgilio, "Hares, ara dik il-mara fl-ewwel filliera, l-ewwel waħda, dik kellha l-ħila ġġelled ġnus sħaħ, rebħithom, saret imperatriċi ta' l-Asja u bi tpattija, flok libertà, offritilhom libertinaġġ, inkoraġġiet il-libidini fost is-suġġetti tagħha u b'hekk kisbet l-ikbar għajb ta' min kien jafha u ta' min kien sama' biha. Din hija Semiramide, werrieta ta' żewġha Nino... Ara dik il-mara l-oħra, dik Didone, bint Belo, din kienet kisret il-wiegħda tagħha ma' żewġha mejjet Sickheo... dik l-oħra l-famuża Kleopatra ta' l-Eġittu, mogħtija għad-dnub kontra l-morali, qarqet b'Antonio l-Ġeneralissimu ta' Cesare... din li riesqa lejna hija Elena mlaqqma "bajda safja daqs iċ-ċinju", għaxet fi żmien l-assedju ta' Troia, il-waqgħa tagħha u l-eċċidju u li sar wara minħabba fiha... dan l-ieħor huwa l-kbir Ackhille, li pubblikament kien jitbekka fi żmien il-ġid u jidħak fi żmien il-għaks, iħobb il-ġlied, supperv, kattiv, ma għejja qatt, tilef għaqlu wara l-imħabba qarrieqa, ġie minsub u assassinat... dan l-ieħor huwa Paris, inkitbu dwaru bosta proża u poeżija u spiċċa biex ħarrab lil Elena... dan hu Tristano ħabb lis-sabiħa u simpatika Isotta, talabha b'għarusa u fil-vjaġġ lura mill-Irlanda tħabbu u wara ħafna peripeżiji ta' l-imħabba mietu t-tnejn flimkien".

Dante jgħarrafna li Virgilio wrieh b'sebgħu iktar minn elf minn dawk l-erwieħ bosta minnhom kavalieri u dami taż-żmien l-antik u

tant impressjonawh li storda u ħabat jintilef minn sensih. Dante ġie f'tiegħu, għall-ewwel darba talab lill-Poeta Virgilio jgħidlu min kienu u li xtaq ikellem lil dawk it-tnejn imgħannqin li qegħdin jittajru b'ħeffa mar-riħ kiesaħ inġazzat. Virgilio qallu: "Tarahom u meta jaslu qrib kellimhom f'ġieħ dik l-imħabba li jinsabu marbutin biha u la tibżax, jersqu u kellimhom. Qabelxejn irrid nagħtik xi tagħrif storiku dwarhom:—

"Dik hija Francesca minn Rimini, bint Guido ż-Żgħir ta' Polenta, ċittadin setgħani ta' Ravenna, miżżewġa lil Gianciotto Sciancato de' Malatesta minn Rimini. Dan iż-żwieġ sar biex jitħabbu ż-żewġ familji setgħana u l-Ibliet ta' Ravenna u Rimini li skond l-istorja kienu ilhom jitlewmu u jinxtered id-demm bla fejda. Mhux konfermat mill-istorja, li Pawlu hu Gianciotto fiċ-ċerimonja taż-żwieġ għamilha ta' prokuratur f'isem ħuh; infatti Pawlu kien ilu żmien miksur mal-Knisja ta' Ravenna. Minn dan iż-żwieġ, Francesca saret omm ta' tfajla, Concordia.

"Pawlu, fi ċkunitu, Pauluccio, iżżewweġ fl-1269 u sar missier ta' żewġ ulied. Milli jidher, dan ta' Pawlu kien żwieġ mhux ta' mħabba imma ta' interess għax bih, il-Malatesta wirtu l-kontea ta' Chiaggiolo. Pawlu kien kaptan tal-poplu f'Firenze minn Marzu 1282 sa Frar 1283. Dante malajr ftakar x'kien isarraf Pawlu Malatesta fil-belt ta' Firenze għax kien fi żmienu".

Il-koppja tittajjar waslet ħdejhom u Dante flok maħbubin sejħilhom: "O żewġt erwieħ imnikktin, ejjew hawn ħdejna ħalli nkellmukom". Bħal żewġ ħamimiet imsejħin minn sidhom, bi ġwinħajhom miftuħin u sodi, iduru dawra tnejn madwar il-bejta tant mixtieqa minnhom u malajr jidħlu fiha; bħalhom għamlu ż-żewġt erwieħ jittajru mgħannqin, dawn inqatgħu mill-oħrajn u minn dik il-forza ta' l-irwiefen, resqu ħdejn Dante, u Francesca qaltlu: "O bniedem ħaj, minn tagħna sa minn tfulitek u verament ta' qalb tajba, li għoġbok tiġi hawn f'din l-arja lewn id-demm maħmuġ ifakkarna fid-demm tagħna li xerridna fid-dinja, kieku r-Re ta' l-Univers kien ħabib magħna konna nitolbuh jagħtik il-vera paċi Tiegħu, dik il-paċi, li aħna qatt ma jista' jkollna. Issa, kun af, li aħna lesti biex inkellmuk kif sewwasew bi grazzja speċjali, ir-riħ issa ikkwieta".

Dante hejja ruħu biex jisma' b'attenzjoni l-iktar kbira l-ġrajja tagħhom. Tkellmet il-mara ta' qalb ġentili:— "Jien twelidt f'Ravenna fix-xatt tal-Baħar Adrijatiku fejn ix-xmara Po bil-friegħi kollha tagħha tinxteħet bil-kwiet u l-paċi max-xmajjar tributarji l-oħrajn kollha. L-imħabba u l-qalb ġentili, li huma ħaġa waħda, għalbuna u rabtuna qalb waħda. Pawlu ssaħħar wara s-sbuħija tal-persuna tiegħi u dik l-imġiba tiegħu miegħi nħossha għadha tof-

fendini; iżda, l-imħabba ġġegħlek taħfer u tħobb lill-maħbub. Dak il-waqt tħabbejna b'imħabba li ma tiġi nieqsa qatt bħalma int qiegħed tarana għadna u nibqgħu fi ħdan xulxin. Din l-imħabba wasslitna nġarrbu mewt l-iktar kiefra u l-lok battal fejn jinsab Cain, qattiel ta' ħuh Abel, qiegħed jistenna lil dak li tfielna ħajjitna. Il-qattiel huwa Gianciotto żewġi, zopp u immankat. Inti tafu, għadu ħaj".

Skond it-tradizzjoni, Francesca ġiet imqarrqa! Minn għaliha kienet qiegħda tiżżewweġ lis-sabiħ u simpatiku Pawlu ħu Gianciotto immankat waqt li Pawlu kien qiegħed jaġixxi ta' rappreżentant ta' ħuh. Inkixef it-tradiment, Pawlu u Francesca tħabbu għall-ewwel platonikament . . . Dante jisma' r-rakkont qalbu nkisret, qabiżlu d-dmugħ; u meta sama' bil-mewt traġika tagħhom intilef f'deghbien ta' ħsebijiet. Virgilio rah daqstant ħosbien staqsieh x'kien qiegħed jaħseb. Dante wieġeb bi kliem maqtugħ: "X'disgrazzja! Min jista' qatt ifisser kemm u kemm ħsebijiet u xewqat sbieħ wasslet lil din il-koppja għal dan il-pass tant u tant doloruż!!" Imbagħad Dante dar lejn Francesca u nfexx igħidilha: "Francesca, kemm niket għaddejt minnu! Nisma' biss sewwidtli qalbi u bikkejtni. Tarrafli issa x'kien dan tiegħek? Qatt ma qallek Pawlu li mhux żewġek?! Jekk kont taf, għaliex weġibt għall-imħabba tiegħu meta inti kont għaraft x'kienu x-xewqat dubbjużi tiegħu?" Francesca wieġbet bi tnehida, imbagħad issuktat bir-rakkont tagħha.

"Bħalma jaf il-Poeta sieħbek għax hu bħalna jinsab kundannat, l-ikbar dulur tiegħi hu, meta jien niftakar fil-jiem hienja li qattajna fil-ħajja disgrazzjata tagħna. Qabelxejn, jeħtieġ li inti tkun taf l-oriġini ta' l-imħabba tagħna, li jien ma nistax nirrakkonta mingħajr ma nibki! Mela ismagħni:—

"Lejla waħda konna flimkien, it-tnejn uħudna, naqraw ir-rumanz bil-Franċiż ta' Lancellotti del Lago, żagħżugħ, sabiħ, simpatiku, qalbieni, membru fl-ogħla soċjetá aristokratika ta' l-Ingilterra, ħass qalbu tinħaraq bil-fjamma ta' l-imħabba għar-reġina Ginevra mart ir-Re Artù. Dejjem skond ir-rumanz, Lancellotti u Ginevra ma kinux uħudhom, ftit il hinn minnhom, fl-istess sala, kien hemm Galeotto l-maġġordom, id-dama ta' Malahault u żewġ damiġelli. Dawn dejqu lil Lancellotti... l-aħħar kelmiet tar-Reġina infatwata:- "Iva, jiena, jiena, hekk irrid; Lancellotti jkun tiegħi biss u jien tiegħu kollni kemm jien. Dan kien il-frott tta' Galeotto l-maġġurdomu".

Dan il-ħin, Francesca, moħħa mimli b'dik ix-xena ta' l-imħabba, kienet weħedha ma' Pawlu, bla ħadd josservahom u fuq kollox bla ma jafu kif, għax qatt ma kienu nħabbu b'imħabba ħatja, waqfu mill-qari, għajnejhom iltaqgħu, ħaddejhom tfawru, fommhom tbis-

sem, inxeħtu fi ħdan xulxin, xofftejn Pawlu twaħħlu ma' xofftejn Francesca u t-tnejn imregħdin taw il-bewsa ta' l-imħabba... l-ewwel u l-aħħar... it-nejn mietu taħt id-daqqiet tax-xafra mgħarrin f'demmhom! Galeotto kien il-ħtija ta' Lancellotti u Ginevra u Galeotto kien il-ktieb għal Pawlu u Francesca, li kien il-ħtija li sabu ruħhom f'dik il-qagħda tant imwiegħra fl-abbissi nfernali!...

Waqt li Francesca kienet qiegħda tirrakkonta mbikkija, Pawlu qagħad jisma' il-ħin kollu b'ċerta rassenjazzjoni, u Dante, tant ħass ħniena għalihom it-tnejn b'mod li ħassu bħal qiegħed imut u f'waqt storda u nstabat ma' l-art bħalma jaqa' ġisem bla ruħ.

# ĦBIBERIJA

*Ta' VAL. V. BARBARA, O.P.*

Wisa', beraħ,
waħdi, ċkejken,
duda fl-immensità.
Qaws ikħal, bla tarf, fuq rasi,
deżert, bla qies, ta' ramel taħti,
dawl, dawl, dawl.
U ngħix, nifhem, irrid!
bħalek — għax nifs minn Ħajtek!
Għad li bejnietna l-Bgħid,
Sidi, Sultan, Mulejja,
Setgħa, Sbuħija, Ġid,
għaraft kemm inħobbok.

Imma
fid-daħka qarsa ta' min qarraq bija,
f'uġigħ il-qalb, fil-biża' u l-waħx tar-ruħ,
fid-dagħwa ħadra mrażżna,
fid-dubju, eħrex mid-dagħwa,
f'xifer l-għammieq ta' deh'n mingħajr twemmin,
mill-morsa ta' idek li twieżen
— xaqq dawl, irqiq daqs ħajta,
jaqta' b'sikkina d-dalma tat-taqbida —
Alla, Missier,
Tjubija li tħaddan,
għaraft kemm ninħabbu.

4.12.1966.

# Dr. VERVOERD

*Ta'* Rev. A. TABONE

Min kien jaf qrib lil Hendrik French Vervoerd, li kien Prim Ministru ta' l-Affrika t'Isfel, igħidilna li dan il-bniedem kien raġel sabiħ u dħuli. Kien twil, wiċċu daħkani u mimli, għajnejh griżi, b'tarf imnieħru merfugħ ftit 'il fuq. Titkellem miegħu, jisraqlek qalbek; bniedem kalm li ma jistax ikun iktar. Kien jemmen fi Kristu, imma jħaddan ir-reliġjon ta' Kalvinu. Missieru kien Missjunarju fl-Affrika t'Isfel, għalkemm ibnu, Hendrik, twieled fl-Olanda. Studja fil-Ġermanja, u, meta Dr. Vervoerd, reġa' lura fl-Affrika, għallem il-psikoloġija applikata; imbagħad sar editur tat-"Transvaler", l-aqwa gazzetta tal-post kontra l-Ingliżi. Fil-gwerra, Dr. Vervoerd kien iżomm ma' Hitler u, meta l-Affrika t'Isfel, fis-sena 1948, ħadet il-gvern f'idejha, inxteħet minnufih, għall-pulitka, u fis-sena 1950 sal-1958, kien Ministru ta' l-Affarijiet Ġewwenin.

Ma' tul dan iż-żmien, sewwa fil-parlament kemm ukoll barra, la tgħidx kemm kien iħaqqaqha mas-Suwed ta' l-Affrika. Kien favur l-"Apartheid", jew il-firda, il-għażla ta' bejn il-Bojod u s-Suwed li, dak iż-żmien, għal kull wieħed abjad kien hemm erba' Suwed. U sewwasew għalhekk dawk it-tliet miljuni ta' nies bojod, fis-sena 1958, lil Dr. Vervoerd għażluh Prim Ministru, biex jeħlishom, darba għal dejjem, minn kull taħlit u ndħil tas-Suwed. U hekk gara, għax kif Dr. Vervoerd sar Prim Ministru, inxteħet b'ruħu u ġismu għal din il-firda. Għalih, il-ġlieda għall-"Apartheid" kienet ġlieda qaddisa u ta' siwi, biex jaqbeż u jżomm sħiħa ċ-ċiviltà tal-poplu tiegħu billi jeħlishom mill-oħrajn li, għalihom, kienu lura, slavaġ u bhejjem.

Dr. Vervoerd kien l-aħjar wieħed li kien hemm fil-gvern tiegħu; kellu ħafna taħriġ tal-ħajja; ma' dan żid li, fil-Ġermanja, kien għafas fuq it-tagħlim tat-teoloġija u tal-psikoloġija li dawn it-tnejn flimkien jagħmlu l-bniedem pulitku sħiħ u qawwi.

Kif sar Prim Ministru, Dr. Vervoerd mhux biss saħħaħ il-liġijiet ta' Malan u Strijdon, Prim Ministri ta' qablu, imma għamel ruxmata ta' liġijiet ġodda li joqtlu u jgħakksu lis-Suwed. Beda jnaqqi saħansitra lil dawn is-Suwed minn qalb il-Bojod tal-bliet il-kbar ta' Johannesburg, Capetown u Durban u jixħithom fi bliet oħra mwarrba, għalihom, jew ukoll fil-kampanja. Ġagħalhom ukoll iġibu fuqhom ta' kuljum il-"Pass" biex jidħlu fl-bliet tal-Bojod u "Badge" ta' l-irsiera magħmula apposta biex ixxekkel kull pass li s-Suwed setgħu jagħmlu f'ħajjithom. Lanqas fl-iskejjel ma setgħu jitħalltu mal-Bojod u, meta l-qassisin, kattoliċi u protestanti,kienu xi kultant jaqbżu għalihom fil-knejjes, dawn il-knejjes aktarx li kienu jiġu maħruqa. Is-

Suwed, kien igħid ta' sikwit Dr. Vervoerd, Alla ħalaqhom biex jaqdu biss lill-Bojod.

Is-Suwed ma felħux iżjed għal dawk il-liġijiet ħorox ta' Dr. Vervoerd. Għalhekk f'Marzu tal-1960 għamlu rewwixta ġewwa Sharpeville, qrib il-belt il-kbira ta' Johannesburg. F'dik ir-rewwixta iktar minn 80 raġel iswed ġew maqtulin mill-balal tal-pulizija u 250 oħra feruti sew. Imma Vervoerd iktar webbes rasu u ma kienx jara u jisma' x'kien igħid ħaddieħor. Kien iħoss li kien jagħmel sewwa. "Qatt ma naf li għaddejt lejl wieħed biss, bla ma norqod minħabba dak li qiegħed nagħmel lis-Suwed — qal darba waħda Vervoerd — għax jiena nħoss li jien qiegħed fit-triq it-tajba".

Minn dan naraw li l-fehma ta' Dr. Vervoerd kienet tabilħaqq sħiħa u qawwija, li jeqred u jxejjen, darba għal dejjem, lis-Suwed, u, biex iserraħ rasu minn kull rewwixta oħra, waqqaf riġmenti sħaħ ta' pulizija armata sa snienha, bis-setgħa li għal 180 jum, ikunu jistgħu jwaqqfu u jistaqsu lil kull bniedem u jixtħuh f'postijiet imwarrba.

Imma ma laħaqx għadda żmien twil, u għodwa waħda, meta Dr. Vervoerd spiċċa li "speech" tiegħu fil-"park" ta' Johannesburg u mar joqgħod bil-qiegħda f'postu raġel abjad, David Pratt, ta' 52 sena, resaq ħdejh, ippuntalu r-revolver f'wiċċu u ġibidlu żewġ tiri. Iżda l-balal, minflok li nifdu min-naħa għall-oħra ras Vervoerd, barxulu biss wiċċu u widintu. Pratt ġie maqbud u mtella' l-qorti. Iżda l-Qorti għaddietu ta' miġnun u xeħtitu fl-isptar tal-mard tal-moħħ għall-kura. Xi sena wara, lil Pratt sabuh imgħallaq.

Xi xahrejn wara l-isparatura, Dr. Vervoerd reġa' ħareġ fil-beraħ u, biex juri li kollox kien għadda u ntesa, ħa ħamiema bajda miegħu biex jitlaqha ttir fost iċ-ċapċip tal-folla; imma ġara li l-ħamiema, bla ma nafu l-għala, ma riditx ittir, waqgħet fl-art u baqgħet hemm nofsha mejta.

Meta Harold Macmillan għamel id-diskors "Wind of change" fil-parlament ta' Capetown, il-Prim Ministru Ingliż wera bid-deher li ma kienx jaqbel mal-pulitika ta' l-Affrika t'Isfel. B'dana kollu Dr. Vervoerd qagħad jisma' bil-kalma kollha, wieġeb bil-grazzja lill-Prim Ministru Ingliż u reġa' laqgħu f'daru bħallikieku xejn ma kien ġara. Meta, imbagħad, l-Affrika t'Isfel saret repubblika, Dr. Vervoerd ma riedx jilqa' l-Ambaxxaturi Suwed mill-British Commonwealth ta' l-Affrika, u dak in-nhar stess ħareġ lil pajjiżu barra mill-Commonwealth bil-fehma li dawk li jibqgħu fih ikunu t-telliefa.

Fl-aħħar, meta jum wieħed Dr. Vervoerd kien qiegħed fil-parlament ta' Capetown, f'tarf l-ewwel filliera tal-Ministri u d-Deputati tiegħu, sewwasew ħdejn il-mejda ta' li "Speaker", wieħed messaġġer abjad, mill-Greċja, ġibed dritt għal quddiem il-Prim Ministru

Vervoerd, ħareġ sikkina minn ħżiemu u biha waħħallu erba' daqqiet ġo għonqu u sidru, għax, kif stqarr il-messaġġer innifsu, Dr. Vervoerd kien jagħmel ħafna kontra s-Suwed u ftit jew xejn mal-fqar bojod.

Għalxejn il-ħames tobba, li kienu hemm ġew dak il-ħin, għamlu kull ma setgħu ma' Vervoerd, għax kif wassluh l-isptar, 10 minuti sewwa wara d-daqqiet tas-sikkina, Dr. Vervoerd kien mejjet.

Dik il-ħamiema li sitt snin qabel ma reditx titlaq minn idejn Vervoerd, donnha riedet twissih u tgħidlu: "Dr. Vervoerd la tagħmilhiex ta' kbir iżżejjed; la twebbisx rasek u qalbek ma' dawk li huma iżgħar minnek u ta' lewn ieħor, għax dawk ukoll huma ħolqien t'Alla bħalek u daqsek".

---

# DUBJI

*Ta' OLIVER FRIGGIERI*

*Lil . . .*

Għaliex il-ħajja qatt ma taf b'rebbiegħa
w l-irwiefen ma jehdewx? Għaliex id-dalma
ma ssir qatt dawl u t-triq, timxi kemm timxi,
ma tridx tiqsar? . . .

Għaliex seħer l-imħabba
issewwes mill-mibegħda u fit-tbissima
jinħeba l-kliem nassies li jkidd il-qlub?
Għaliex min tħobbu ma jħobbokx u ħsiebu
li jġiegħlek tgħix kuljum u tmut mislub?

Min jaf jekk ħbub għajnejna għadx jinkixfu
għad-dawl? Min jaf għadx nisbħu f'għodwa isbaħ
mil-lum?

Għad għandna t-tama! Jgħidu wara
id-dlam, id-dawl, u wara l-mewt il-ħajja.

Min jaf! Min jaf! It-Tama t-tama tagħna! . . .

15 ta' Settembru, 1965.

# ISMIJIET TA' DWIELI U GĦENEB

(*Tkompli mal-Ħarġa ta' Ġunju*, 1967)

*Ta' A.C.*

78. *DIELJA TAX-XAMPANJA* — Tnisslet fl-1854. F'Sant'Anton, iżda issibha ukoll fl-għelieqi. Użata għax-xampanja.
79. *DIELJA TAL-GĦEMIERI* — Tnisslet fl-1890. Għeneb tajjeb għall-għesir.
80. *SALAMANNA* — Din id-dielja kienet qabel għal xi żmien twil fl-għelieqi tar-Rabat, Ħad-Dingli u Mtaħleb. Raġa' wara żmien daħħalha fost il-bdiewa il-Konti Dr. A. Caruana Gatto. Għeneb tajjeb għall-ikel.
81. *NEBBIETA TA' WIED LIEMU* — Din nibtet f'Wied Liemu mhux bogħod wisq mir-Rabat, xi snin ilu. Frott sabiħ għall-ikel, u jidher li hu tajjeb ukoll għall-għesir.
82. *SARDINIŻA jew KANJAW* — Għeneb tajjeb għall-ikel u għall-għesir.
83. *SERKUŻAN* jew *SERAKUŻAN* — Tħawlet l-ewwel darba fl-1919. Frott tajjeb għall-għesir.
84. *SERQUSANA TA' ĠNIEN FIERES* — Għeneb tajjeb għall-għesir.
85. *SEWDA TAL-MOĦA jew ISWED TAL-MOĦA* — Tnisslet fil-għalqa ta' bidwi min-Nadur imlaqqam *Ta' Moħamas* 60 sena ilu. It-taħwil tagħha xxerred f'bosta ġonna. Għeneb tajjeb ħafna għall-għesir.
86. *SALAMANNA SEWDA, SEWDA TA' SQALLIJA, SEWDA RQIQA jew KALABRIŻA SEWDA*. Ismijiet bil-Malti lil dielja ta' nisel Sqalli, magħrufa bl-isem Taljan ta' *Somarello* jew *Colore*. Għeneb tajjeb għall-għesir.
87. *TAL-LAĦAM jew ISWED TAL-LAĦAM* — Għeneb tajjeb għall-għesir.
88. *TWILA SEWDA TAR-RDUM* jew *GĦAĠEB TAR-RDUM* — Dielja tnisslet fl-Irdum ta' Ħad-Dingli. Għeneb iswed sabiħ. Tajjeb ferm għall-ikel.
89. *ŻAQQ IN-NAGĦĠA* jew *MARSUSA TAN-NEBBIET*. Għeneb tajjeb għall-ikel u għall-għesir.
90. *ŻAQQ IN-NAGĦĠA ĦOXNA* jew *NUĊELLATA TONDA* — Għeneb tajjeb għall-ikel u għall-għesir.
91. *ŻAQQ IN-NAGĦĠA* — Dielja qadima. Rari f'Malta, imma mhux f'Għawdex. Għeneb tajjeb għall-ikel u għall-għesir imħallat ma' għeneb ieħor.

92. *ŻAQQ IN-NAGĦĠA TA' GĦAWDEX* jew *DENB IN-NAGĦĠA* — Għeneb tajjeb għall-għesir.

93. *ŻEBBUĠIJA jew DIELJA TA' ZAMMIT GAUCI* — Ikkultivata l-ewwel darba minn Zammit Gauci, f'Ħaż-Żebbuġ, kif ukoll f'xi bnadijiet oħra mħabba l-kwalità tajba tad-dielja. Għeneb tajjeb għall-ikel u għall-għesir.

TMIEM.

---

# QIEGĦED JIDLAM

*Ta' JOE MEJLAK*

Il-jum intemm u għadda
Se nerġgħu għall-mistrieħ,
Id-dlam qed jaqa' ġmielu,
Qed jgħib id-dawl sabiħ.

Wara ġurnata sħiħa
Ta' xogħol u ta' stinkar
Tarah il-ħaddiem bieżel
Jirtira lejn id-dar.

Ix-xemx ukoll qed taħseb
Biex tgħib wara l-għoljiet;
L-għasafar qed jittajru
Ilkoll għal ġol-bejtiet.

Fil-beraħ tisma' l-għajta
Ta' kelb għassies fil-bogħod;
Qanpiena ta' xi knisja
Iddoqq ħelu bil-mod.

Il-leħen ta' flejguta
Issejjaħ il-merħliet —
In-nagħaġ u l-mogħoż imxerrda
Fl-egħlieqi bil-mijjiet.

U l-għanja ta' xi bidwi
Ittemm is-sinfonija
Li qed tikser il-ħemda
U s-skiet ta' fil-għaxija.

Fl-ibliet in-nies qed tlesti
Għas-swali tax-xalar:
Hawnhekk tintemm il-għodwa
Tal-ħlejjaq kbar u żgħar.

Is-sema mtela kwiekeb
Ipetptu bla waqfien;
Il-bozoz fit-triq xegħlu
U dawlu kullimkien.

Il-qamar twil u isfar
Għaqqad dehra sabiħa.
Ftit ilu tond bħal rota
Illum felli bittieħa.

Issa l-lejl daħal ġmielu,
Qed jingħi barra r-riħ;
In-nies sigħat qed jgħaddu
Ta' paċi w ta' mistrieħ.

# ZOO

*Ta' ALBERT M. CASSOLA*

Jekk trid li tiltaqa'
Mal-ħbieb tiegħek kollha,
Tfittixx dawk l-imkejjen
Fejn taqa' xi folla.
Fil-folla tintilef
U tilmaħ biss dawk
Li jkunu ma' dwarek,
Bla forsi jarawk.
Int fittex fil-ġonna
Bil-gaġeġ ġo fihom,
Osserva fil-gaġeġ
In-nies li taf bihom.
Ġà fhimt li l-post hu
Il-ġnien kbir taz-Zoo.
Hawnhekk għandek tilmaħ
Lill-kbir ħabib tiegħek
Li jimita lilek
U jimxi biss miegħek;
Li ħa min-natura
Sal-pil ta' fuq ġismu,
Imqar jekk difrenti
M'għandux barra ismu.
Dan jixbhek fis-sura,
Fl-egħmil kollu tiegħu:
Iħabbat fuq sidru
Bis-saħħa ta' driegħu.
Fil-mossi ħelwin,
Ammira x-xadin.
U ftakar f'ħabibtek
Bla qalb u qalila,
It-tigra (mhux mara?),
Kattiva u krudila.
B'hekk tgħallem iskarta
'L min snienu msinnin,
Għax dawk annimali
Żgur kollha kefrin.
Osserva l-iljuni
Tant sbieħ u fuq tagħhom,
Biss żomm 'il bogħod minnhom,
Toqgħodx tilgħab magħhom!
Ħarsilhom kemm trid,
Minn wara l-ħadid.
Bil-ġilda tant ħarxa,
Bil-passi tal-ġganti,
Hemm tilmaħ, enormi,
Lil ħafna ljunfanti.
Bħal snien ta' l-avorju,
Proboxxide twila,
Widnejn bħal imriewaħ,
Memorja ta' ħila.
Hekk ftakar fil-fakra
Tal-bhima felħana
Li tgħix fil-pajjiżi
Fejn tagħmel is-sħana.
Int bħalu kultant
Il-kbir iljunfant.
Żeffien ftit hawn bħalu
L-ors abjad, kannella:
Tanbarlu u jiżfinlek
Malajr tarantella.
Jiċċajta bħal tifel,
Idoqq fuq tanbur,
Iħabbat xi njama
Kif jaqbeż u jdur.
Issibu xi drabi
F'reġjoni polari,
Fiċ-Ċirklu ħa l-isem
Ta' l-*orsu ballari*.
Idaħħkek għax ħelu,
Jaf jagħmel l-inkini,
Kultant iħabbatha
Ma' ftit ballarini.
Bil-għatx meta jkun,
Jaf jieħu l-flixkun.
Ġo l-ilma l-bekkejja
Gremxul madornali
B'għajnejhom idemmgħu
Aktarx mhux bil-għali:

B'ipokriti ċari
Żgur lilhom tagħżilli
Għal dmugħhom iġelben,
Xi gods kukkudrilli.
Kemm nies (mhux biss nisa)
Taparsi jibkuna
Biex, foloz li huma,
In-niket juruna.
Kemm hawn x'waħdadin
Nies oqbra mbajdin!
Qabbieża, ferħana,
Bis-sraten, bl-inkini,
Issib l-eleganza
Fil-ħelwa pengwini.
Għasfur li jiċċajta,
Kuntent u paxxut
Jekk jista' mqar jibla'
Bukkuni tal-ħut.
Lit-tfal igħaxxaqhom
Bil-logħob sabiħ tiegħu,
Għalhekk popolari
Isiru wisq miegħu.
Sidirhom bajdani
Taħt daharhom sewdieni,
U nodfa xummiema,
Jinħaslu minn kmieni.
Għasafar ħelwin
Ftit hemm bħall-pengwin.
Kif nista' nissokta
Bil-ħafna annimali
Li jixbhu lill-"bniedem,"
Għax bħalek u bħali?
Li konna biss nagħrfu
Narawna bħal f'mera
Fil-bhima sabiħa,
F'dik l-oħra tant kerha!
Li kien jirnexxilna
Nitgħallmu mill-bhejjem
Biex naqtgħu kull ħażen
Xi drabi għal dejjem
U l-bniedem ikun
Tassew tar-raġun!

---

# NIFIRĦU

NIFIRĦU minn qalbna lill-Kav. ALBERT M. CASSOLA, F.L.L., O.S.J., Membru Akkademiku ta' *Il-Għaqda*, li dan l-aħħar rebaħ l-Ewwel Premju f'Konkors Internazzjonali ta' Novelli f'Messina bin-novella tiegħu "Il Barone Marasuli".

Is-Sur Cassola ilu magħruf fostna bħala wieħed mill-aħjar kittieba ta' proża drammatika u narrativa u ta' versi nazzjonali u patrijottiċi bil-Malti u bit-Taljan; Surmast tal-Malti u tat-Taljan fil-Liċeo, Editur tal-Paġna Letterarja ta' *Il-Qawmien*, u fuq kollox awtur ta' diversi xogħlijiet letterarji li bihom għamel isem mhux biss fostna, iżda wkoll barra minn Malta.

---

**TISWIJIET TA' L-ISTAMPA** — *f'IL-MALTI ta' Ġunju*, 1967.

*Il-Mewt ta' Laurent Ropa*: paġ. 35, vers 14, il-kelma għenet għandha tinqara *kienet* (mewtitlu, eċċ.); paġ. 36, vers 5 tal-para. 4 għandha tidħol il-kelma *fejn* qabel il-kelma *wera*.

Reċensjonijiet:— *The Triliterality of Quadriliterals in Semitic Maltese*. Paġ. 60, vers 4 tal-paragrafu 4, il-kelma *jidhirlu* għandha tinqara *jidhirli*.

# LI KIEKU KONT WARDA

*Ta' PAWLU MIFSUD*

*Lit-tfajjel Karmenu Borg li miet nhar it-8.7.65 fil-għomor ċkejken ta' 14-il sena.*

Li kieku kont warda
f'xi roqgħa ġo ġnien,
fejn bosta ward ieħor
jinħabbu flimkien;

U kellek sid tiegħek
ġennien wisq ħanin,
li żergħek u kabbrek,
ħa ħsiebek kull ħin;

Li jinżel f'kull għodwa
jitgħaxxaq ftit bik
sakemm fl-aħħar jgħidlek:
"Illum ġejt għalik;

"Se nieħdok iżżejjen
il-kmajra minn tiegħi,
għax lilek ħabbejtek
u rridek biss miegħi."

X'kont tgħidlu li kieku
lil dan il-ġennien?
Li tmur bil-qalb kollha,
hekk qabel iż-żmien;

Jew titlob bil-ħniena
jħallik tgħix il-ħajja
għaxxieqa tal-beraħ
mimlija b'kull ġrajja:

Bix-xemx kollha dija
li ttuqek bis-sħana,
bil-friefet imlewna
jittajru ferħana

U lilek ibusu
bewsiet żgħar ħelwin,
x'ħin jersqu jgħannulek
l-agħsafar ċkejknin;

U kollox madwarek
jitbissem sabiħ,
U kollox iġennek
U 'l sidek tinsih?

'Mma jekk tgħix il-ħajja
sa tikber, tidbiel;
Sakemm taħli qalbek
u titfi fil-ġmiel;

X'ħajr aktar jibqagħlek,
u x'jista' jsib fik
min resaq bil-ħlewwa
jistaqsi għalik,

Fil-ftuħ ta' żgħożitek
biex b'ħajtek jixxabba',
U jaqsam ma' qalbek
il-ġenn ta' l-imħabba?

* * *

Bħal fjura żagħżugħa
fi ġnien kollu ward,
Karmenu, ħabibna,
kien jgħix fuq din l-art.

'Mma resaq l-Imgħallem
u xtaqu għalih;
U t-tfajjel ħabibna
mill-ewwel obdieh.

U llum qed fil-Ġenna,
f'dik l-art kollha sliem;
U jfewwaħ bħal warda
tul ħajja bla tmiem.

# REĊENSJONIJIET

**"STEJJER TA' NIESNA".** Miġburin minn Ġużè Cassar Pullicino. Maħruġ mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni, Valletta — 1967. Paġ. XII. 75.

Mis-Sur Ġużè Cassar Pullicino konna ilna nistennew dan il-ktieb li jissokta d-damma ta' kotba fuq il-ħrejjef u stejjer folkloristiċi ta' pajjiżna li l-awtur kien beda joħroġ snin ilu. Il-lum l-istudju tal-folklore ħa xejra kbira u qiegħed jitqies bħala xhieda ta' kultura ta' pajjiż. Aktar ma togħla l-kultura aktar jixtered it-tagħrif dwar il-folklore għax dan ma hux ħlief mera tad-drawwiet, tax-xewqat, tal-ħsieb u, ħafna drabi, tal-ġrajjiet li jkunu għaddew minn fuq poplu jew minn fuq nazzjon, mijiet ta' snin qabel.

F'din il-ġabra ta' stejjer niltaqgħu ma' karattri u ma' fatti mibnijin fuq "xi ċajta . . . fuq l-esaġerazzjoni, l-ispirtu pront, il-kontrast bejn moħħ ċkejken ta' min hu bla skola u l-għaqal ta' min hu fuqu . . . jonkella fuq in-nuqqasijiet tal-bniedem . . . " F'dawn l-istejjer wieħed iħoss il-qalb u jagħraf ir-ruħ tar-raħli tagħna, dak il-bniedem mitfugħ għax-xogħol, iħobb il-familja, għandu l-biża' t'Alla, nieqes mit-tagħlim iżda jaf iħaddem moħħu, jaf idabbar rasu u jaf xi trodd il-ħajja. Nies bħal dawn ma tantx jinbarmu malajr fix-xibka, difatti ħafna minn dawn l-istejjer għandhom motiv wieħed: raġel jew tifel għaqli jiżgiċċa mill-għelt, jeħles mit-twegħir u jikseb xi rebħa kbira (*Iċ-Ċangatura tad-Deheb*). Dawn il-motivi jinsabu fl-istejjer folkloristiċi ta' pajjiżi oħrajn, bħalma jinsab dak il-motiv l-ieħor: it-tifel iż-żgħir li jisboq lil ħutu kollha għall-għaqal jew għall-bravura (*Bidibekk*). Minn hekk jidher li hemm ħarira li sselsel il-folklore internazzjonali.

Barra stejjer u ħrejjef tal-qedem, l-awtur ġabar ħafna għajdut u rakkonti li kienu f'ħalq nannijietna, u għamel sewwa ħafna li ma ħallihomx jintesew. Dawn huma s-sisien ta' suriet folkloristiċi li jieħdu sura fiż-żmenijiet li ġejjin. Ħafna minn dawn il-għajdut jew rakkonti jirriflettu persunalitajiet (*Iċ-Ċenaklu*) jew xejriet (*Praspar tal-Qrar*) li għamlu impressjoni u qajmu interess fiż-żmien li għaxu jew ġraw.

Mertu kbir ta' din il-ġabra hi l-manjiera kif ippreżentaha l-awtur li kif qal hu: "Sa fejn stajt, ma biddielt xejn mit-test fit-traskrizzjoni ta' dawn l-istejjer: ħallejthom kif smajthom jew kif tawhomli . . ." Għalhekk dawn l-istejjer jinħassu ħajjin u joħorġu sħaħ u ħarkiena kif jinstemgħu minn fomm il-poplu. Il-qarrej jifhem il-ħsieb u l-motiv tal-istorja bla ħafna tlellix u tirqim fil-kitba, saħansitra wieħed jinduna bix-xejra djalettali tar-raħal jew tal-post mnejn inġabru l-istejjer e.g. "Imxi miegħi d-dar *mela*" (B'Kara). "*Imxi* oqgħod magħna". "Għadek ħaj, *mgħarraq* l'int" (Għawdex).

Dan hu stil naturali li jixhed kif moħħ il-bidwi jew ir-raħħal jaqta' ħafif u jfisser dak li jixtieq bi ftit kliem f'ħinu u f'waqtu. Din is-sura ta' stil idjomatiku hi nieqsa ħafna fil-kitba Maltija, imma jmissha tkun aktar miġjuba u mħaddma.

L-awtur ma kitibx din il-biċċa xogħol bħala studju komparat tal-folklore Malti ma' oħrajn barranin, imma bħalma għidna 'l quddiem, wieħed ma jridx wisq biex jara li ċerti "concepts" bħal dak ta' "Cinderella", tal-"Ġgant" u tat-"Tifel iż-Żgħir" huma komuni mhux biss fil-folklore tagħna, iżda niltaqgħu magħhom fil-ħrejjef tal-qedem ta' bosta ġnus oħrajn, u huma tant arkajċi li saħansitra naqrawhom fil-kotba tal-Bibbja, e.g. David u l-ġgant Gulija, Ġużeppi Mibjugħ minn Ħutu. Imma barra dan, l-awtur ried jipprova, u seħħlu, li aħna l-Maltin għandna "Corpus Folkloristiku" li

jħabbatha ma' dawk ta' popli oħrajn u li fih għajn ta' tagħlim u ta' tagħrif dwar il-ħajja ta' niesna li għaxu f'din il-Gżira tagħna wisq qabilna.

Bis-saħħa tal-ħidma tas-Sur Cassar Pullicino, il-folklore Malti ġie magħruf mill-Kunsill tal-Ewropa u se jkun imdaħħal fil-klassifika internazzjonali. Haġa bħal din hi ta' ġieħ għalina u għal pajjiżna; mela j'alla oħrajn jaqbdu t-triq li fetaħ is-Sur Cassar Pullicino u jimxu warajh b'riżq Malta u l-ilsien tagħha.

Ġ.

**"GĦOMOR TA' BNIEDEM".** Minn Emanuel Agius, M.D. Empire Press — Malta, 1967.

Din hi poeżija mqanqla mill-għożża ta' iben lejn missieru bil-ħsieb li tibqa' tifkira tal-ħajja u l-ħidma ta' bniedem għaqli li ħa interess f'dak kollu li kien qed jiġri mhux biss f'pajjiżu, iżda wkoll fid-dinja kollha.

Il-poeżija hi mibnija fuq *"flash-back"* ta' ġrajja li twettqu fl-ewwel tliet kwarti tas-seklu tagħna, u ta' persunaġġi li nisslu jew taw sura lil dawk il-ġrajja. F'din il-poeżija jissemmew fatti u episodji li fi żmienhom qalbu d-dinja ta' taħt fuq, u li llum huma mniżżlin fl-Istorja. Kienu ġrajja ta' ferħ u ta' niket, ta' ħruxija u ta' tjubija, ta' kruha u ta' ġmiel, imma kollha mistħarrġin u mgħarblin mill-moħħ u mid-dehen ta' bniedem li jaf jiżen u jqis.

Il-poeżija hi mfassla f'versi ħfief u mexxejja, l-awtur ifiehem dak li jgħid bi kliem ċar bla ħafna tlellix u tiġbid u bla kliem tqil. Hemm aċċentwazzjoni tajba għalkemm nieqsa mir-rima. L-istil hu dak magħruf ta' Dr. Agius; stil milqut u ħarkien, stil ta' awtur li jaf x'irid jgħid u kif għandu jgħidu.

Ġ.

**"SAN PAWL F'MALTA".** Minn Patri Feliċ Sammut, O.F.M. Conv. "St. Francis Press" Birkirkara — 1967. Paġ. 20.

Fil-Gżira tagħna ftit hawn postijiet aktar marbutin ma' l-istorja minn San Pawl il-Baħar. F'dik id-daħla ta' baħar twettqu ħafna ġrajjiet, imma *"l-aktar waħda li kienet, għadha u tibqa' ta' ġieħ għal ġensna, hija bil-qabda. Il-Miġja Provvidenzjali Tal-Kbir Mgħallem Tal-Ġnus L-Appostlu Ta' Ġesù Kristu, San Pawl Missierna F'Din L-Imbierka Gżira Tagħna".*

F'dan il-ktejjeb Patri Feliċ Sammut, O.F.M. Conv. jagħti ħjiel tal-fatti li għandhom x'jaqsmu mal-miġja ta' San Pawl f'din il-Gżira. Tassew li biex jikteb dwar dik il-ġrajja tal-għaġeb, wieħed jeħtieġ ktieb wisq akbar minn dan ta' Patri Feliċ, imma l-awtur għaraf jagħżel l-aktar ħwejjeġ importanti u jfissirhom bi ftit kliem ċar li jgħoddu għall-kulħadd.

F'dan il-ktieb il-qarrej isib tagħrif siewi dwar il-miġja ta' Missierna San Pawl; meta wasal hawn, fejn niżel, kif ukoll dwar tifkiriet u tradizzjonijiet ta' dik il-miġja mbierka. L-awtur imiss ukoll il-kontroversji li kienu nqalgħu dwar il-miġja ta' San Pawl u jagħti l-fehma tiegħu mqabbla fuq xogħlijiet ta' għorrief Maltin u barranin.

In-nies ta' San Pawl il-Baħar u wkoll ta' Malta kollha jmisshom jixtru dan il-ktieb żgħir imma ta' fejda kbira.

Ġ.

Irċevejna kopja ta' *"I Martiri"*, opra lirika fi tliet atti; librett tal-Kav. Dr. V.M. Pellegrini u mużika tal-Maestro C. Pace.

Kemm il-Maestro Pace kif ukoll il-librettist Pellegrini huma żewġ persunaġġi magħrufin mill-aktar fil-kamp artistiku u kulturali ta' pajjiżna.

Il-Maestro Pace għamel isem mhux biss f'din il-Gżira tagħna imma wkoll barra, għall-mużika tiegħu melodjuża u armonjuża. Is-sena l-oħra marret *in scena* l-opra tiegħu *"Catarina Desguanez"* u kellha suċċess kbir.

Il-Kavalier Pellegrini hu poeta liriku mill-aqwa, illum miżmum bħala wieħed mill-aħjar skritturi bit-Taljan li għandna f'din il-Gżira. Barra poeżija, hu kiteb wkoll proża mirquma u mexxejja bil-Malti u bit-Taljan, u xogħlijiet għall-palk li kienu milqugħin tajjeb ħafna.

Ġ.

**"FIRST FOCUS ON FLORIANA"** ta' Emmanuel Tonna. Progress Press Co. Ltd., Valletta — Malta, pp. 84.

F'dan il-ktieb miktub mis-Sur Manwel Tonna, imżejjen bl-istampi naqraw kulma għadda minn fuq is-subborg tal-Furjana ma' tul il-gwerra fl-attakki li saru mill-għadu.

Is-Sur Tonna, illum Kummissarju tad-Difiża Ċivili, huwa magħruf biż-żejjed għall-ħidma tiegħu f'diversi fergħat tal-amministrazzjoni governativa sew fi żmien il-paċi kemm fi żmien il-gwerra bħala *Protection Officer* tad-distrett tal-Furjana, u għalhekk ma jistax jonqos li f'dan il-ktieb ma nsibux dawk l-informazzjonijiet b'dawk il-ftietaq ta' kulma ġara u ta' kulma n-nies tal-Furjana ġarrbu f'dawk iż-żminijiet ħorox tal-gwerra.

Il-ktieb hu miktub bi stil sempliċi u mexxej li fih tidher is-sengħa tal-pinna tal-kittieb, bi rqaqat ta' deskrizzjonijiet ta' ġrajjiet interessanti, tant li meta tibda taqrah ma titilqux minn idejk qabel ma tkun qrajtu sal-aħħar faċċata.

Fost il-kapitoli sbieħ li għandhom jinteressaw lill-qarrej huma dawk li jitkellmu fuq il-ħajja tan-nies tas-subborg taħt in-nar tal-għadu, fuq il-ħsarat tal-bini u tal-Knisja ta' San Publju bid-diversi episodji li nsibu impinġija, u fosthom dawk dwar il-*convoy* li kien daħal fil-Port nhar Santa Marija, u fl-aħħarnett ix-xogħol bla hedu tal-prekawzjonijiet li ttieħdu mill-Personal tal-Kumitat Distrettwali u mill-Uffiċċju tal-*Protection Officer* taħt it-tmexxija ħabrieka u għaqlija tal-Awtur.

Il-ktieb jagħlaq bi djarju mit-30 ta' Ottubru, 1940 sal-15 ta' April, 1946, b'tagħrif dettaljat tat-tibdil li sar ukoll minn tmiem il-gwerra fis-subborg tal-Furjana.

Wara din il-pubblikazzjoni fuq il-ġrajjiet ta' żmien il-gwerra fil-Furjana, nittamaw li l-Awtur ma jdumx ma jagħtina f'idejna t-tieni ktieb li milli jidher ma jkunx inqas interessanti minn din li issa l-qarrej qiegħed jieħu pjaċir jaqra.

A.C.

**"FERĦ, BIKI U POEŻIJA"** ta' Joe Saliba. Lux Press—Malta, 1967.

Joe Saliba hu poeta żagħżugħ mimli b'talent naturali u ħeġġa u mħabba kbira għall-poeżija. Dan nistgħu narawh mill-ktieb tiegħu li għandna f'idejna "Ferħ, Biki u Poeżija" u mill-ktieb l-ieħor li ħareġ is-sena l-oħra "Ilħna tar-Rebbiegħa". Fil-versi tiegħu hu jimxi fuq il-forma tradizzjonali u ma joqgħodx jesperimenta bil-vers u bir-ritmu u b'ideat astratti u bizzarri, kif dil-ħabta hawn xi wħud li qegħdin jagħmlu u li huma bir-raġun u d-dritt kollu qegħdin isejħulha "poeżija moderna". Moderna tassew, ma għandniex xi ngħidu, imma wieħed jeħtieġ iżomm quddiem għajnejh meta jiġi biex jikteb poeżija li fil-poeżija jrid ikun hemm is-sentiment, profondità ta' ideat u interpretazzjoni ċara u sħiħa ta' dak li l-poeta jkun qed iħoss fil-mument tiegħu ta' ferħ jew ta' dwejjaq. Jekk dawn il-kwalitajiet ma jkunux hemm, flimkien ma għandniex xi ngħidu ma' teknika tajba kif titlob il-prosodija, ma jistax ikun li tkun ktibt poeżija fil-veru sens tal-kelma. U dan li dawn l-uħud qegħdin jagħmlu llum, ftit versi bi kliem bla ebda rabta loġika, li huma jsejħu "poeżija". B'xorti ħażina, mingħajr ebda sens ta' umiltà, jidhrilhom li l-vera poeżija hi tagħhom, u li Dun Karm u sħabu llum żmien-

hom għamluh u ġa jinsabu fil-qasam tal-minsijin. Imma ideat u pretensjonijiet bħal dawn huma l-prodott ta' entużjażmu eżaġerat taż-żgħużija u ta' nuqqas ta' esperjenza u ta' maturità.

Għalhekk jien inħoss li Joe Saliba għamel sewwa, u sewwa ħafna, li mexa fuq il-passi tal-poeti tradizzjonalisti bħal Dun Karm, Cuschieri u sħabhom, u ma qabadx jesperimenta bit-teknika tal-vers u bl-espressjoni ta' l-ideat.

Ngħidha mill-ewwel, bla tlaqliq, li f'dan il-ktieb sibt diversi poeżiji ta' Joe Saliba li għoġbuni u li fihom rajt ix-xrar veru tal-vera poeżija, bħalma huma, ngħidu aħna, "Ferħ, Biki u Poeżija", "Appokalissi", "Naf biss li Dlam" u "Lill-Poeta Karmenu Vassallo". Għandu oħrajn li fihom lil Saliba tħossu influwenzat mill-poeżija ta' Karmenu Vassallo u xi poeti oħra bħall-professur Cuschieri, imma b'danakollu f'dan jien ma nara xejn ħażin għax kull poeta żagħżugħ ifittex id-dawl li l-aktar jogħġbu, u jibqa' jimxi wara dak id-dawl sakemm jaqbad it-triq għalih waħdu, jiġifieri t-triq tal-personalità tiegħu.

It-teknika tal-poeżija ta' Saliba hi tajba ferm, u l-ideat tiegħu huma mżewqin ġmielhom, għalkemm xi drabi r-ripetizzjoni ma tonqosx, l-aktar meta jesprimi tqanqil ta' mħabba reliġjuża jew ta' mħabba lejn xi tfajla li saħħritu bi ġmielha. Imma, kollox ma' kollox, il-poeżija ta' Saliba hi tajba u sabiħa. Jien nara li għandu futur quddiemu, iżda għad baqagħlu ħafna u ħafna x'jimxi. Ma jimliex rasu bit-tifħir bla bżonn. Jieqaf jaħseb ftit u jara t-tifħir mnejn ikun ġej u minn għand min ikun ġej. Għadu żgħir u żagħżugħ. Iż-żmien isajjar il-bajtar, u għalhekk biż-żmien biss li jkun jista' jagħtina l-poeżija li turi moħħ profond u matur.

Fid-daħla ta' dan il-ktieb insibu studju ta' Manwel Cassar li kieku ħalla mill-anqas nofsu barra kien jagħmillu aktar ġieħ bħala kritiku. Fih daħħal ċerti ideat u espressjonijiet neqsin minn kull rispett u serjetà.

Neħħi din l-istunatura, il-ktieb jiġbor fih materjal ta' min jirrikmandah. Issibu tixtruh minn għand il-librara prinċipali kollha bil-prezz ta' 4/-.

n.n.n.

"**GĦOMOR TA' BNIEDEM**", ta' **Emanuel Agius, M.D., Empire Press, Furjana.**

Dr. Emanuel Agius huwa figura kurjuża fil-poeżija Maltija. Il-kontribut tiegħu, safejn nafu aħna, kien dejjem ċkejken, iżda l-ftit li kiteb huwa kompetenti u jgħaddi tajjeb biex ma ngħidux ukoll li kultant tħoss fih id-daqqa tal-imgħallem, bħal fil-versi qosra, friski, ħerġin mill-qalb, bħal gelgul ilma safi minn ġo blata samma, "Xewqat għall-Fomm ir-Riħ". Dan l-aħħar stampa poeżija "Għomor ta' Bniedem" ta' madwar mitejn vers li għandha l-kompetenza tagħha xejn inqas minn dawk ta' qabilha. Il-ħsieb huwa feliċi; il-Malti ta' żmienna, ħafif, mexxej, bla tiġbid ta' xejn; il-*blank verse* tiegħu juri li l-poeta apprezza tajjeb fi żmienu l-*blank verse* ta' Shakespeare hekk li jinqeda TAJJEB b'xi wħud mill-varjanti li Shakespeare kien iħobb jinqeda bihom.

L-istudjużi tal-istorja ta' pajjiżna, soċjali u politika, għandhom jitgħaxxqu kif Dr. Agius seħħlu jiġri ġirja sabiħa fuq l-istorja ta' artna tul l-għomor ta' missieru (1880-1966) u kemm irrifletta tajjeb il-fehmiet tiegħu dwar l-Imperu Ingliż li miegħu Malta qasmet ix-xorti tagħha, tajba jew ħażina, tul 160 sena li fihom id-dinja nqalbet ta' taħt fuq; u għandhom jifirħu xejn inqas b'kif qala' l-persunalitajiet Maltin li isimhom intiseġ fix-xoqqa tal-istorja ġewwenija ta' pajjiżna fil-perijodu ta' qabel dak tal-ġenerazzjoni tal-irġiel tal-lum.

W.P.G.

## TWISSIJA LILL-KONTRIBUTURI

Jiddispjaċina ngħarrfu li qed jaslulna kontribuzzjonijiet għall-istampa b'ittri mitħijin li ma jingħarfux, fejn ukoll, l-ittri Maltin ma humiex immarkati b'dijakritiċi. Hekk ukoll insibu f'xi kontribuzzjonijiet miktubin bl-idejn. Dan hu xkiel kbir, sew għall-kompożitur ta' l-istamperija, kemm għall-Editur li jrid joqgħod jaħli ż-żmien isewwi l-kitba ta' manuskritti qabel ma jingħataw għall-istampa.

Jixraq l-ewwelnett li min juża t-'typewriter' ibiddel iż-żagarella meta din tiqdiemlu biex l-ittri jkunu jidhru ċari; it-tieni, fejn it-'typewriter' hi nieqsa mit-tipi Maltin, il-kontributur għallinqas jimmarkahom bil-pinna jew bil-'biro'. Hekk ukoll meta l-manuskritt hu miktub bl-idejn.

Aħna ma nixtiqux nibagħtu lura l-kontribuzzjonijiet minħabba n-nuqqas li semmejna biex tingħata kopja oħra iżjed xierqa, jew minħabba f'hekk niskartaw il-manuskritt. Ma nixtequx nieħdu dan il-pass.

## I N F A K K R U

Infakkru lill-Imseħbin f'"IL-MALTI" li l-abbonament (4s. fis-sena) għandu jitħallas bil-quddiem fil-bidu ta' Jannar u jinbagħat lit-Teżorier Onorarju, is-Sur VICTOR APAP.

GIOV. MUSCAT & CO. LTD. - MALTA - PRINTERS.